IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.3.2021
COM(2021) 139 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2000/43/KE li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità ("id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali") u tad-Direttiva 2000/78/KE li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol ("id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi")

{SWD(2021) 63 final}

1. DAĦLA

L-ugwaljanza hija wieħed mill-valuri li fuqhom hija msejsa l-UE[1]. Il-Kummissjoni ħadet passi importanti biex tippromwoviha u tintegraha u tibni **unjoni realment tal-ugwaljanza**. Bl-appoġġ tat-Task Force għall-Ugwaljanza interna tagħha, li nħolqot fl-2019, il-Kummissjoni qed tintegra dimensjoni ta' ugwaljanza fil-politiki u l-inizjattivi ewlenin kollha tal-UE. Biex nieħdu eżempji riċenti, l-istrateġija tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri għall-2020–2025[2], il-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020–2025[3], il-qafas strateġiku ġdid għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni[4], l-istrateġija dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020–2025[5], l-Istrateġija tal-UE biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta[6], l-istrateġija tal-2021-2030 dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità[7] u l-pjan ta' azzjoni li jimplimenta l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[8] kollha jenfasizzaw l-importanza tal-prevenzjoni u tal-indirizzar tad-diskriminazzjoni (pereż. billi jiġu miġġielda l-isterjotipi u l-preġudizzju), tal-infurzar tal-liġi u tal-prinċipji tal-UE f'dan il-qasam u tat-titjib tal-ġbir tad-*data*.

Dan ir-rapport jiffoka fuq l-applikazzjoni ta' żewġ Direttivi tal-UE dwar l-ugwaljanza:

- id-**Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali**[9], li tirrikjedi li n-nies jiġu ttrattati b'mod ugwali fl-oqsma tal-impjiegi u tat-taħriġ vokazzjonali, tal-edukazzjoni, tal-protezzjoni soċjali, inkluż is-sigurtà soċjali, il-vantaġġi soċjali, l-aċċess għall-prodotti u s-servizzi u l-provvista tagħhom (inkluża l-akkomodazzjoni) *irrispettivament mill-oriġini razzjali u etnika tagħhom*; u

---

1 L-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi: "Fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika u l-azzjonijiet tagħha, l-Unjoni għandha tfittex li tiġġieled id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali".

2 COM(2020) 152 final; https://ec.europa.eu/info/policies/justice-and-fundamental-rights/gender-equality/gender-equality-strategy_mt

3 COM(2020) 565 final; https://ec.europa.eu/info/policies/justice-and-fundamental-rights/combatting-discrimination/racism-and-xenophobia/eu-anti-racism-action-plan-2020-2025_mt

4 Ara l-pakkett sħiħ fuq: https://ec.europa.eu/info/publications/new-eu-roma-strategic-framework-equality-inclusion-and-participation-full-package_mt

5 COM(2020) 698 final; https://ec.europa.eu/info/policies/justice-and-fundamental-rights/combatting-discrimination/lesbian-gay-bi-trans-and-intersex-equality/lgbtiq-equality-strategy-2020-2025_mt

6 COM(2020) 711 final; https://ec.europa.eu/info/aid-development-cooperation-fundamental-rights/your-rights-eu/eu-charter-fundamental-rights/application-charter/eu-strategy-strengthen-application-charter_mt. Il-Karta tal-UE, fl-Artikolu 21(1) tagħha, tipprevedi dan li ġej: "Kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabilità, l-età, jew l-orjentazzjoni sesswali għandha tkun projbita.".

7 COM(2021) 101 final; https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=738&langId=en&pubId=8376&furtherPubs=yes

8 COM(2021) 102 final https://ec.europa.eu/info/european-pillar-social-rights/european-pillar-social-rights-action-plan_mt
Minbarra l-inizjattivi kollha msemmija fil-lista, titħabbar li fl-2021 il-Kummissjoni se tadottata Strateġija tal-UE kontra l-antisemitiżmu.

9 Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità (ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22).

- id-**Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi**[10], li tirrikjedi li n-nies jiġu ttrattati b'mod ugwali fl-impjieg u fit-taħriġ vokazzjonali *irrispettivament mir-reliġjon jew mit-twemmin, mid-diżabilità, mill-età u mill-orjentazzjoni sesswali tagħhom*.

Iż-żewġ Direttivi jeħtieġu li l-Kummissjoni tirrapporta kull ħames snin dwar l-applikazzjoni tagħhom[11]. Mill-2014, il-Kummissjoni għażlet li tipprovdi rapport konġunt dwar dawn iż-żewġ Direttivi, billi l-approċċ regolatorju tagħhom u l-kontenut ta' ħafna mid-dispożizzjonijiet tagħhom huma identiċi.

Sabiex tifhem sew is-sitwazzjoni fil-prattika, il-Kummissjoni twettaq regolarment stħarriġ tal-opinjoni tal-"Ewrobarometru" dwar id-diskriminazzjoni fl-UE[12]. L-istħarriġ mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) jipproduċi wkoll ċifri u informazzjoni utli dwar ix-xejriet[13].

Jidher li hemm sentiment ġenerali li ftit sar progress fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni mill-2014 'l hawn. Il-popolazzjoni ġenerali tirrikonoxxi li d-diskriminazzjoni hija mifruxa ħafna fl-UE[14] u li d-diskriminazzjoni tiġi esperjenzata wkoll ta' spiss fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Stħarriġ differenti sab li kważi persuna minn kull erba' persuni minn gruppi ta' minoranza etnika jew ta' immigranti (24 %) ħassewhom diskriminati fit-12-il xahar preċedenti f'qasam wieħed jew aktar tal-ħajja ta' kuljum minħabba l-isfond tagħhom[15]. Fi stħarriġ tal-Ewrobarometru tal-2019 madwar wieħed minn kull ħames rispondenti (21 %) li kienu ħassewhom diskriminati għal raġuni waħda jew aktar fit-12-il xahar preċedenti qalu li dan kien seħħ fuq il-post tax-xogħol u 13 % meta kienu qed ifittxu xogħol[16].

F'dan l-isfond huwa kruċjali li l-leġiżlazzjoni bbażata fuq ir-regoli tal-UE dwar in-nondiskriminazzjoni tiġi infurzata kif xieraq fil-livell nazzjonali[17]. Wara r-rapporti preċedenti dwar l-applikazzjoni tad-Direttivi fl-2006[18], fl-2008[19] u fl-2014[20], dan ir-rapport:

---

[10] Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16).

[11] L-Artikolu 17 tad-Direttiva 2000/43/KE u l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2000/78/KE.

[12] L-aktar reċenti, L-Ewrobarometru Speċjali 493 dwar *id-Diskriminazzjoni fl-UE* (Ottubru 2019); https://ec.europa.eu/commfrontoffice/publicopinion/index.cfm/Survey/getSurveyDetail/instruments/SPECIAL/surveyKy/2251

[13] Dan ir-rapport huwa prinċipalment ibbażat fuq *data* tal-istħarriġ mill-Ewrobarometru tal-2019 u minn diversi stħarriġiet tal-FRA li saru qabel il-kriżi tal-COVID-19.

[14] L-Ewrobarometru tal-2019. Pereżempju, 59 % tal-Ewropej jemmnu li d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-oriġini etnika hija mifruxa f'pajjiżhom (meta mqabbla ma' 64 % fl-2015). Għall-orjentazzjoni sesswali, ir-reliġjon, id-diżabilità u l-età, in-numri huma 53 %, 47 %, 44 % u 40 % rispettivament.

[15] *Second European Union minorities and discrimination survey — main results* (Stħarriġ tal-FRA EU-MIDIS II, 2017); https://fra.europa.eu/en/publication/2017/second-european-union-minorities-and-discrimination-survey-main-results
Id-*data* tal-FRA mill-2008 uriet li madwar wieħed minn kull tlieta (30 %) ħassewhom diskriminati f'dawn l-oqsma minħabba l-etniċità tagħhom.

[16] L-Ewrobarometru tal-2019. Ħafna mir-rispondenti ħassew li d-diskriminazzjoni għadha tippersisti fir-reklutaġġ – minħabba età żgħira wisq jew età kbira wisq (47 %), diżabilità (41 %), li tkun Rom (38 %), l-oriġini etnika inġenerali (32 %), l-espressjoni tat-twemmin reliġjuż (28 %), l-orjentazzjoni sesswali (22 %).

[17] Il-Kummissjoni rċeviet għadd ta' lmenti miċ-ċittadini, li l-maġġoranza l-kbira tagħhom jikkonċernaw każijiet individwali ta' allegata diskriminazzjoni aktar milli t-traspożizzjoni jew l-applikazzjoni ħażina tad-Direttivi minn Stat Membru. F'każijiet bħal dawn, iridu jinstabu rimedji fil-livell nazzjonali.

[18] COM(2006) 643 final (dwar id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali).

- jivvaluta *s-sitwazzjoni u l-iżviluppi attwali* mill-2014 ’l hawn;
- jidentifika *l-kwistjonijiet u l-isfidi ewlenin* li jirriżultaw mill-iżviluppi fil-qasam tan-nondiskriminazzjoni;
- jenfasizza għadd ta’ *prattiki u inizjattivi tajbin*;
- juri kif *kawżi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja* tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) iċċaraw kif id-Direttivi għandhom jiġu interpretati;
- iħares lejn l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-2018 dwar *standards għall-korpi tal-ugwaljanza*[21], f’konformità mal-istrateġija tal-ugwaljanza tal-LGBTIQ, il-qafas strateġiku tar-Rom għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni u l-pjan ta’ azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu (ara b’mod partikolari l-anness dwar il-korpi tal-ugwaljanza);
- jippreżenta, kif indikat fil-pjan ta’ azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu, *lakuni potenzjali* fil-protezzjoni offruta mid-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali.

Ir-rapport jibni fuq informazzjoni mibgħuta lill-Kummissjoni mill-Istati Membri[22] u konsultazzjonijiet man-Network Ewropew għall-korpi nazzjonali tal-Ugwaljanza (Equinet)[23], mal-FRA[24], mas-sħab soċjali[25] u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili[26]. Jibbaża wkoll fuq il-ħidma tal-Kummissjoni biex tgħin fl-applikazzjoni tad-Direttivi[27] u fuq pubblikazzjonijiet rilevanti[28]. Huwa jqis kif xieraq ir-riżoluzzjonijiet[29] u l-istudji[30] rilevanti tal-Parlament Ewropew.

---

19 COM(2008) 225 final (dwar id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi).

20 COM(2014) 2 final (rapport konġunt dwar iż-żewġ Direttivi).

21 C(2018) 3850 final.

22 L-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u l-Artikolu 19 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi jirrikjedu li kull ħames snin l-Istati Membri jibagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha li teħtieġ biex tfassal rapport. L-Istati Membri kollha ħlief tnejn (HR u SE) wieġbu għall-kwestjonarju ddedikat li l-Kummissjoni kienet bagħtet għal dan il-għan. Ma ntbagħatx kwestjonarju lir-Renju Unit.

23 Għall-input tal-Equinet, ibbażat fuq it-tweġibiet għal kwestjonarju mibgħut lill-korpi nazzjonali kollha tal-ugwaljanza, ara: https://equineteurope.org/2020/a-perspective-from-the-work-of-equality-bodies-on-european-equality-policy/

24 Imsemmija f’dan ir-rapport bħala “is-sottomissjoni tal-FRA”.

25 Wasal kontribut minn BusinessEurope.

26 Intlaqgħu kontributi minn Age Platform Europe, Amnesty International, il-Forum Ewropew dwar id-Diżabilità, iċ-Ċentru Ewropew għad-Drittijiet tar-Rom u l-Unjoni Ewropea tal-Persuni Torox.

27 Bħal tweġib għall-ilmenti minn individwi, petizzjonijiet u mistoqsijiet bil-miktub b’mod partikolari mill-Parlament Ewropew u l-organizzar tal-ħidma tal-Grupp ta’ Livell Għoli dwar in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza u d-Diversità inkluż is-Sottogrupp tiegħu dwar id-*Data* dwar l-Ugwaljanza (li fih il-Kummissjoni tlaqqa’ flimkien uffiċjali mill-Istati Membri u mill-pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea biex jiskambjaw informazzjoni u fehmiet dwar l-iżviluppi fil-politika fl-oqsma tan-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza u d-diversità).

28 Inkluż min-Network Ewropew ta’ Esperti Legali fil-Qasam tan-Nondiskriminazzjoni, li jassisti lill-Kummissjoni fil-qasam tal-liġi kontra d-diskriminazzjoni; ara https://www.equalitylaw.eu/publications

29 Pereż. ir-Riżoluzzjoni fuq inizjattiva proprja tal-15 ta’ Settembru 2016 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78/KE (P8_TA-PROV(2016)0360). Ir-riżoluzzjoni tal-10 ta’ Marzu 2021 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill2000/78/KE li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol fid-dawl tal-UNCRPD (P9_TA-PROV (2021)0075).

30 Tymowski, J., The Employment Equality Directive — European implementation assessment (2016), https://www.europarl.europa.eu/thinktank/mt/document.html?reference=EPRS_STU(2016)536346;

2. KWISTJONIJIET KOMUNI GĦAŻ-ŻEWĠ DIRETTIVI

Id-Direttivi fihom dispożizzjonijiet simili dwar *il-kunċett tad-diskriminazzjoni* u *dwar ir-rimedji u l-infurzar*.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri u tal-partijiet ikkonċernati kkonsultati ma semmew l-ebda diffikultà kbira rigward l-interpretazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet. Madankollu, xi wħud indikaw li għadd ta' kwistjonijiet (għadhom) joħolqu sfidi[31], b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda:

- il-kamp ta' applikazzjoni tal-kunċett ta' "diskriminazzjoni" (ara t-Taqsima 2.1.); u
- l-infurzar tad-drittijiet (ara 2.2.), pereż. f'dak li għandu x'jaqsam ma':
    - ir-rapportar tal-ilmenti (ara 2.2.1.);
    - il-prova ta' każ (ara 2.2.2.);
    - il-protezzjoni kontra l-vittimizzazzjoni (ara 2.2.3.); u
    - l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet adegwati (ara 2.2.4.).

Is-sensibilizzazzjoni u d-djalogu mas-sħab soċjali u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma kruċjali għall-implimentazzjoni effettiva tad-Direttivi (ara 2.3). Il-ħidma tal-korpi nazzjonali tal-ugwaljanza (ara 2.4.) u d-disponibbiltà tad-*data* dwar l-ugwaljanza (ara 2.5.) huma kwistjonijiet trasversali, kruċjali għall-assistenza lill-vittmi tad-diskriminazzjoni u għall-appoġġ, il-monitoraġġ u l-promozzjoni tal-liġi dwar l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni.

2.1. Il-kunċett ta' "diskriminazzjoni"

Il-kunċett ta' "diskriminazzjoni" jkopri d-*diskriminazzjoni diretta u indiretta*, u jinkludi *l-fastidju*[32].

Xi partijiet ikkonċernati jindikaw għarfien u applikazzjoni limitati tad-diskriminazzjoni indiretta fil-prattika ġudizzjarja domestika. Barra minn hekk, xi Stati Membri jenfasizzaw li l-qrati nazzjonali ma jagħtux biżżejjed attenzjoni lill-fastidju għal raġunijiet oħra apparti s-sess.

Il-ġurisprudenza riċenti tal-QĠUE pprovdiet kjarifiki utli dwar il-kunċett ta' diskriminazzjoni indiretta[33]. In-Network Ewropew ta' Esperti Legali fil-Qasam tan-

---

Anglmayer, I., 'Implementation of the Employment Equality Directive in light of the UN CRPD - European Implementation Assessment', 2020, f': https://www.europarl.europa.eu/thinktank/mt/document.html?reference=EPRS_STU(2020)654206)

[31] Dan ġie kkonfermat mill-evalwazzjonijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali kontra d-diskriminazzjoni. Dawn l-evalwazzjonijiet saru f'BE, DE, FR, NL, AT, PL, SK, FI u SE.

[32] Ara l-Artikolu 2(2)(a) u (b) ta' kull Direttiva dwar id-diskriminazzjoni diretta u indiretta u l-Artikolu 2(3) dwar il-fastidju. Id-Direttivi jippermettu li l-fastidju jiġi ddefinit f'konformità mal-liġijiet u l-prattiki nazzjonali. Biex tiġi stabbilita d-diskriminazzjoni (inkluż il-fastidju), ma huwiex meħtieġ li tintwera l-intenzjoni; dan ġeneralment jiġi applikat fil-livell nazzjonali.

[33] Is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2015 f'*"CHEZ Razpredelenie Bulgaria" AD*(C-83/14, EU:C:2015:480); is-sentenza tal-14 ta' Marzu 2017 f'*Achbita* (C-157/15, ECLI:EU:C:2017:203).

Nondiskriminazzjoni se joħroġ rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan il-kunċett fl-2021, li jaġġorna r-rapport preċedenti tiegħu (2008)[34].

Il-QĠUE għadha ma ddeċidietx dwar l-interpretazzjoni (u l-limiti) *tal-fastidju* skont iż-żewġ Direttivi. Fil-ġurisdizzjonijiet/liġijiet nazzjonali, il-konċett jintuża f'rabta ma' diversi tipi ta' mġiba, inklużi l-vjolenza fiżika u psikoloġika, l-intimidazzjoni, il-bullying u d-diskors ta' mibegħda[35]. F'xi pajjiżi tal-UE, il-kunċett jidher li mhuwiex esplorat biżżejjed mill-qrati nazzjonali.

Fir-rigward tal-kunċett ta' "diskriminazzjoni", il-QĠUE pprovdiet kjarifika utli dwar diversi sitwazzjonijiet jew kunċetti:

- *id-diskriminazzjoni fuq taħlita ta' raġunijiet* – Fl-2016, il-QĠUE rrikonoxxiet li "d-diskriminazzjoni tista' tabilħaqq tkun ibbażata fuq diversi raġunijiet" protetti mid-dritt tal-UE. Madankollu, hija ddeċidiet ukoll li "…ma teżisti madankollu ebda kategorija ġdida ta' diskriminazzjoni li tirriżulta mill-kombinazzjoni flimkien ta' diversi minn dawn il-motivi ... li l-konstatazzjoni tagħhom tista' sseħħ, meta d-diskriminazzjoni minħabba l-imsemmija raġunijiet ma tkunx ġiet stabbilita meta meqjusa b'mod iżolat."[36].

  Billi d-*"diskriminazzjoni intersezzjonali"* tirrigwarda diskriminazzjoni bbażata fuq kombinazzjoni inseparabbli ta' raġunijiet protetti, aktar milli waħda mir-raġunijiet meħuda separatament, il-Qorti ma rrikonoxxietx id-diskriminazzjoni intersezzjonali bħala raġuni protetta, billi bħallissa ma għandhiex bażi ġuridika ċara fid-Direttivi[37]. Madankollu xi partijiet ikkonċernati enfasizzaw l-importanza kemm tal-intersezzjonalità kif ukoll tal-ħtieġa li d-diskriminazzjoni multipla tiġi miġġielda b'mod aktar effettiv[38].

  Il-Kummissjoni rrikonoxxiet l-importanza tad-diskriminazzjoni intersezzjonali u l-ħtieġa li dan il-fenomenu jiġi indirizzat fl-istrateġiji kollha tagħha dwar l-ugwaljanza[39]. Offriet ukoll l-appoġġ tagħha għar-rikonoxximent effettiv tad-*diskriminazzjoni multipla* fil-livell nazzjonali billi kkummissjonat studji[40] u koorganizzat seminar fejn l-uffiċjali tal-gvern setgħu jesploraw sfidi u prattiki

---

34 https://www.migpolgroup.com/_old/portfolio/limits-and-potential-of-the-concept-of-indirect-discrimination/

35 F'xi pajjiżi tal-UE, tista' tkun meħtieġa ripetizzjoni tal-atti biex jiġi stabbilit fastidju. Pajjiż wieħed irrapporta dwar il-kunċett ta' fastidju psikoloġiku (fuq il-post tax-xogħol) li jirreferi għal proċess li jinkludi *diversi* mġibiet mifruxa fuq perjodu speċifiku ta' żmien. Pajjiż ieħor irrapporta liġi nazzjonali dwar fastidju relatat mar-raġunijiet koperti miż-żewġ Direttivi li teħtieġ *repetizzjoni* ta' atti (għall-kuntrarju tal-fastidju sesswali, li jkun jeħtieġ att wieħed biss).

36 Is-sentenza tal-24 ta' Novembru 2016 f'*David L. Parris* (C-443/15, EU:C:2016:897), il-punt 80.

37 Id-diskriminazzjoni tista' tkun ibbażata fuq karatteristika protetta waħda jew fuq taħlita ta' raġunijiet (multipli) li joperaw separatament ("diskriminazzjoni addittiva") jew li jinteraġixxu ma' xulxin fl-istess ħin b'tali mod li jkunu inseparabbli ("diskriminazzjoni intersezzjonali").
L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi ddefinixxa d-"diskriminazzjoni multipla" (https://eige.europa.eu/thesaurus/terms/1297?lang=mt) u l-"intersezzjonalità" (https://eige.europa.eu/thesaurus/terms/1492?lang=mt).
Il-Premessa 3 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi u l-Premessa 14 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali jirrikonoxxu l-fenomenu tad-"diskriminazzjoni multipla".

38 Xi Stati Membri (pereż. DK, EL u ES) irreferew għal studji u stħarriġ dwar din il-kwistjoni.

39 Għal ħarsa ġenerali, ara l-ewwel paragrafu ta' dan ir-rapport.

40 Ara, pereżempju: https://www.equalitylaw.eu/downloads/3850-intersectional-discrimination-in-eu-gender-equality-and-non-discrimination-law-pdf-731-kb

tajbin fl-indirizzar tad-diskriminazzjoni multipla fil-leġiżlazzjoni u fit-tfassil tal-politika[41];

- *"diskriminazzjoni b'assoċjazzjoni" (fejn persuna jew grupp ikun żvantaġġat minħabba l-assoċjazzjoni tiegħu ma' persuna jew grupp li jkollu l-karatteristika protetta)* – Il-Kawża *CHEZ* uriet li persuna li ma kinitx ta' oriġini Rom setgħet tibbenefika mill-protezzjoni minkejja li ma kinitx "membru tal-grupp [protett] kkonċernat", iżda "madankollu [ġarrbet] trattament inqas favorevoli jew żvantaġġ partikolari għal waħda minn dawn ir-raġunijiet"[42]. Minn din il-kawża jirriżulta li sejba ta' diskriminazzjoni ma tiddependix fuq l-eżistenza ta' relazzjoni intima jew mill-qrib bejn l-allegata vittma u l-grupp li miegħu tkun assoċjata[43]. Ħafna Stati Membri jindikaw li d-diskriminazzjoni b'assoċjazzjoni hija koperta fil-liġi (ġurisprudenza) nazzjonali.

  Il-QĠUE għadha trid tindirizza b'mod espliċitu l-kwistjoni tad-*"diskriminazzjoni b'perċezzjoni"* jew *"diskriminazzjoni b'suppożizzjoni"*, jiġifieri meta trattament differenti jsegwi minn *twemmin żbaljat* jew *perċezzjoni żbaljata* li persuna għandha waħda mill-karatteristiċi protetti. F'bosta pajjiżi tal-UE, għalkemm f'inqas meta mqabbla mad-diskriminazzjoni b'assoċjazzjoni, hemm protezzjoni espliċita kontra d-diskriminazzjoni b'suppożizzjoni prevista fil-liġi (ġurisprudenza) nazzjonali.

2.2. Rimedji u infurzar

2.2.1. Difiża tad-drittijiet

Skont id-Direttivi, l-Istati Membri għandhom jipprovdu b'*mezzi adegwati ta' protezzjoni legali* lil dawk kollha li jqisu lilhom infushom bħala vittmi ta' diskriminazzjoni[44]

Minbarra kampanji ġenerali ta' sensibilizzazzjoni dwar in-nondiskriminazzjoni, diversi Stati Membri indikaw inizjattivi speċifiċi biex jiffaċilitaw ir-rapportar. Uħud huma mmirati biex *itaffu l-piż finanzjarju* tal-proċedimenti, pereż. billi:

- ✓ inaqqsu t-tariffi tal-qorti għal kawżi ta' diskriminazzjoni[45];
- ✓ joħolqu inċentivi tat-taxxa[46]; u
- ✓ jistabbilixxu fondi li jkopru minn qabel l-ispejjeż legali tal-vittmi ta' diskriminazzjoni[47].

---

41 Is-seminar ġie organizzat f'kooperazzjoni mal-Ministeru Grieg għax-Xogħol, is-Sigurtà Soċjali u s-Solidarjetà Soċjali u laqqa' flimkien il-membri tal-Grupp ta' livell Għoli tal-UE dwar in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza u d-Diversità dwar il-kwistjoni.

42 Is-sentenza *CHEZ* (in-nota 33 f'qiegħ il-paġna), il-punti 49 u 56, li jiċċitaw is-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008 f'*S. Coleman* (C-303/06, ECLI:EU:C:2008:415).

43 Minkejja li jirrikonoxxu d-diskriminazzjoni b'assoċjazzjoni, ċerti prattiki nazzjonali xorta jistgħu jkunu restrittivi fuq dan il-punt speċifiku.

44 Ara l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi. Fl-Istati Membri kollha, it-tilwim dwar id-diskriminazzjoni jista' jitressaq quddiem il-qorti. Fi wħud minnhom, il-każijiet jistgħu jiġu ttrattati wkoll minn proċeduri mhux ġudizzjarji jew kważi ġudizzjarji, pereż. permezz tal-intervent ta' spettorati jew korpi speċjalizzati, bħal ombudspersons, Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem (NHRI) jew korpi tal-ugwaljanza. Xi Stati Membri jipproponu wkoll medjazzjoni u konċiljazzjoni.

45 Pereż. CZ u DK.

46 Pereż. BE u RO.

47 Pereż. IT.

Prattiki tajba oħra jinkludu:

- ✓ l-iffaċilitar tar-rapportar online[48];
- ✓ it-titjib tal-kapaċità u tal-aċċessibilità tal-awtoritajiet lokali u tal-organizzazzjonijiet intermedjarji jew komunitarji lokali[49];
- ✓ it-twaqqif ta' korpi għas-soluzzjoni tat-tilwim faċilment aċċessibbli[50];
- ✓ il-ħolqien ta' ċentri tal-pariri legali speċjalizzati[51]; u
- ✓ l-istabbiliment ta' networks ta' uffiċjali tal-pulizija u maġistrati mħarrġa fil-kwistjonijiet tad-diskriminazzjoni[52].

Ir-rapportar dwar id-diskriminazzjoni u n-numru ta' lmenti żdiedu kemxejn mir-rapport tal-2014[53], iżda s-*sottorappurtar* għadu problema. L-istħarriġ juri li dawk li ħassewhom diskriminati ma jirrapportawx l-inċident faċilment[54]. B'konsegwenza ta' dan, ħafna inċidenti jistgħu jgħaddu "minn taħt ir-radar" u jħallu lill-vittmi mingħajr l-ebda forma ta' rimedju[55]. B'mod aktar ġenerali dan jaffettwa b'mod negattiv l-aċċess għall-ġustizzja, kif ukoll l-effettività tad-Direttivi. Filwaqt li ħafna Stati Membri jindikaw ix-xogħol importanti tal-korpi tal-ugwaljanza fil-livell nazzjonali u lokali biex jindirizzaw id-diskriminazzjoni u jindirizzaw in-nuqqas ta' rappurtar, ftit nies, skont l-istħarriġ, jirrapportaw inċident ta' diskriminazzjoni għand dawn il-korpi[56].

---

48 Pereż. FR.

49 Pereż. BE u FI.

50 Pereż. f'Lulju 2017, il-Litwanja stabbiliet kummissjoni għat-tilwim dwar ix-xogħol li tista' tisma' tilwim dwar ix-xogħol għal raġunijiet diskriminatorji fi proċedura faċilment aċċessibbli, mhux formali żżejjed u rapida.

51 Pereż. IE. Ċentru legali huwa post fejn wieħed jista' jikseb parir u assistenza legali, imħallsa mill-għajnuna legali.

52 Pereż. FR.

53 Tagħrif tal-FRA.

54 Pereżempju, 14 % tar-rispondenti tal-LGB għall-istħarriġ LGBTI II tal-2018 tal-UE tal-FRA rrappurtaw l-aħħar inċident ta' diskriminazzjoni fl-impjieg għand xi ħadd (tagħrif tal-FRA; u ara wkoll: https://fra.europa.eu/mt/project/2018/eu-lgbti-survey-ii). L-Istħarriġ EU-MIDIS II tal-FRA wera li 12 % ta' dawk li ħassewhom diskriminati minħabba l-oriġini razzjali jew etnika rrapportaw l-aktar inċident riċenti ta' diskriminazzjoni għand xi ħadd. Fuq il-bażi tal-istħarriġ EU-MIDIS II, il-biċċa l-kbira tal-ilmenti saru għand impjegatur (36 %), madwar 13 % tal-inċidenti ġew irrappurtati għand it-trejdjunjins u għand il-kumitati tal-persunal u 17 % għand il-pulizija meta kienu relatati ma' dħul f'night club jew bar. 4 % biss tar-rapporti saru għand korp tal-ugwaljanza. Bl-istess mod, is-sejbiet tal-Istħarriġ tal-FRA tal-2019 dwar ir-Rom u t-Travellers (li sar f'sitt pajjiżi) juru li madwar 5 % biss tar-rispondenti li ħassew li saret diskriminazzjoni kontrihom irrappurtaw l-aħħar inċident għand korp tal-ugwaljanza. Wieħed minn kull sitt Rom u Traveller (17 %) irrappurtaw dan għand il-pulizija (https://fra.europa.eu/mt/project/2018/roma-and-travellers-survey-2018-2019). Skont l-Istħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-2019, 9 % tar-rispondenti mill-popolazzjoni ġenerali rrappurtaw l-aktar inċident reċenti ta' diskriminazzjoni fl-impjieg fuq kwalunkwe bażi. Minn dawk ir-rispondenti li rrappurtaw inċidenti bħal dawn, 12 % irrappurtaw għand xi korp tal-ugwaljanza jew istituzzjoni nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u 24 % għand trejdjunjin. L-Ewrobarometru tal-2019 (immirat lejn il-popolazzjoni ġenerali) sab li 12 % tar-rispondenti, meta jiġu diskriminati, jippreferu jirrapportaw id-diskriminazzjoni għal xi waħda mir-raġunijiet mistħarrġa għand korp ta' ugwaljanza jew għand ombudsperson. 35 % jippreferu jirrapportaw għand il-pulizija u 20 % għand ħabib jew membru tal-familja.

55 Id-dritt għal rimedju effettiv huwa previst fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

56 Ara n-nota 54 f'qiegħ il-paġna.

Ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' rappurtar ta' każijiet ta' diskriminazzjoni jistgħu jinkludu[57]:

- jiddubitaw li hemm ċansijiet serji ta' suċċess;
- ma humiex konxji mid-drittijiet tagħhom u/jew mill-eżistenza ta' korpi tal-ugwaljanza[58];
- diffikultajiet biex jipprovdu evidenza; u/jew
- biża' ta' ritaljazzjoni.

Problemi konkreti oħra li jistgħu jxekklu *l-aċċess għall-ġustizzja*[59] (li jaffettwaw b'mod partikolari l-aktar gruppi vulnerabbli jew emarġinati) jinkludu:

- it-termini ġuridiċi qosra biex tinbeda azzjoni legali;
- l-ispejjeż, il-kumplessità u t-tul tal-proċedimenti;
- l-inċertezza dwar l-eżitu tal-kawża; u
- l-prospett ta' livell baxx ta' kumpens[60].

Organizzazzjonijiet bħat-trade unions u l-korpi tal-ugwaljanza jistgħu jgħinu lill-vittmi jfittxu rimedju individwali, speċjalment meta jkollhom *locus standi*.[61] Dawn jista' jkollhom ukoll rwol importanti fl-appoġġ għal "litigazzjoni strateġika" u/jew fit-tiftix ta'[62] rimedju kollettiv[63], b'mod partikolari billi l-QĠUE ilha li rrikonoxxiet li l-liġi tal-UE tipprojbixxi wkoll diskriminazzjoni fejn ma jkun hemm l-ebda vittma individwali

---

57 Minn diversi stħarriġiet tal-FRA jirriżulta li r-raġuni ewlenija għan-nuqqas ta' rapportar ta' inċident diskriminatorju hija l-fehma li ma jsir xejn jew xejn ma jinbidel b'riżultat ta' dan (tagħrif tal-FRA).

58 Dwar l-informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet, ara l-Kapitolu 2.3.1.

59 Biex ittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja madwar l-UE, il-Kummissjoni stabbiliet il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika (https://e-justice.europa.eu/home.do?action=home&plang=mt&init=true). Ara wkoll l-anness tar-rapport tal-2014: *Know your rights — guidance to victims of discrimination*; https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:52014SC0005&from=EN
Dwar il-ħidma tal-FRA biex tiċċara l-ostakli għall-aċċess għall-ġustizzja u biex tipprovdi pariri bbażati fuq l-evidenza dwar kif għandhom jingħelbu, ara https://fra.europa.eu/mt/themes/justice-victims-rights-and-judicial-cooperation

60 Ara l-punt 2.2.4.

61 "*Locus standi*" tirreferi għad-dritt jew il-kapaċità li wieħed jieħu azzjoni legali quddiem qorti tal-ġustizzja jew li jidher f'qorti. Skont l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi, assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew entitajiet ġuridiċi oħra b'interess leġittimu fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni għandhom ikunu jistgħu, bl-approvazzjoni tal-ilmentatur, jinvolvu ruħhom f'tilwim ta' diskriminazzjoni f'isem l-ilmentatur jew b'appoġġ għalih. L-Istati Membri għandhom diskrezzjoni fl-istabbiliment tal-kriterji u tal-kundizzjonijiet għall-*locus standi* ta' dawk l-entitajiet u l-oqfsa legali jvarjaw fost il-pajjiżi.

62 "Litigazzjoni strateġika" tirreferi għall-użu ta' strateġiji ta' litigazzjoni biex tinkiseb bidla soċjali, legali jew politika u spiss issir minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u/jew avukati bħala forma ta' attiviżmu.

63 "Rimedju kollettiv" tirreferi għal mekkaniżmu legali li:
(i) jippermetti lil żewġ persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew aktar, jew entità intitolata li tressaq azzjoni rappreżentattiva, biex titlob il-waqfien ta' mġiba illegali b'mod kollettiv;
(ii) jippermetti lil żewġ persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew aktar li jiddikjaraw li jkunu sofrew dannu f'sitwazzjoni ta' dannu tal-massa, jew entità intitolata li tressaq azzjoni rappreżentattiva, biex jitolbu kumpens kollettivament.
Ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2013/396/UE dwar prinċipji komuni għal mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv ta' inġunzjoni u kumpensatorji fl-Istati Membri li jirrigwardaw il-ksur tad-drittijiet skont il-Liġi tal-Unjoni (ĠU L 201, 26.7.2013, p. 60).

identifikabbli[64], pereż. fil-każ ta' dikjarazzjoni pubblika ta' impjegatur tal-intenzjoni tiegħu li jwettaq diskriminazzjoni[65].

Xi Stati Membri rrapportaw li l-*locus standi* tal-organizzazzjonijiet għandu rwol deċiżiv f'kawżi ta' *diskriminazzjoni kollettiva* li tagħmel ħsara lil persuni li ma jkunux direttament jew immedjatament identifikabbli[66]. Xi korpi jew organizzazzjonijiet tal-ugwaljanza li jassistu lill-vittmi tad-diskriminazzjoni ressqu kawżi quddiem il-QĠUE wkoll.

2.2.2. Oneru tal-prova

Sabiex itaffu l-isfidi ffaċċjati biex jiġu pprovati allegazzjonijiet ta' diskriminazzjoni[67], id-Direttivi jipprevedu *bidla fl-oneru tal-prova*[68]. Meta ilmentatur jistabbilixxi fatti li minnhom jista' jiġi preżunt każ *prima facie* ta' diskriminazzjoni, hija r-responsabbiltà tal-konvenut li jipprova li ma kienx hemm ksur tal-prinċipju tat-trattament ugwali[69].

Il-qrati ogħla ta' xi Stati Membri pprovdew kjarifika f'dan il-qasam[70] u Stati Membri oħra emendaw il-leġiżlazzjoni tagħhom[71]. Madankollu, xi partijiet ikkonċernati rrapportaw li l-qrati nazzjonali mhux dejjem japplikaw ir-regoli b'mod korrett jew konsistenti, u l-istandards tal-prova jistgħu jvarjaw fil-prattika.

Hemm xi sitwazzjonijiet li fihom huwa partikolarment diffiċli li tiġi stabbilita evidenza *prima facie*, pereż. għal azzjonijiet dwar *diskriminazzjoni indiretta*, fejn ir-rikorrent ikun meħtieġ li jistabbilixxi fatti li minnhom jista' jiġi preżunt li ċerta miżura jew prattika, li tidher newtrali, tqiegħed lil ċerti persuni fi żvantaġġ partikolari meta mqabbla ma' oħrajn. Il-ġbir ta' tali fatti huwa saħansitra aktar ikkumplikat fejn l-allegata diskriminazzjoni tirriżulta mill-użu tal-*intelliġenza artifiċjali*[72]. Barra minn hekk, anki fejn diskriminazzjoni indiretta tista' tiġi stabbilita fuq il-bażi ta' evidenza statistika[73], il-partijiet ikkonċernati indikaw diffikultajiet fid-disponibilità u fl-aċċessibilità ta' *data statistika rilevanti*, u kif il-qrati jeħduha inkunsiderazzjoni.

---

64 L-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku f'isimhom stess jistgħu jressqu talbiet ta' *actio popularis* mingħajr ma jkollhom vittma speċifika x'jappoġġaw jew x'jirrappreżentaw.

65 Ara s-sentenza tal-10 ta' Lulju 2008 f'*Feryn* (C-54/07, ECLI:EU:C:2008:397), il-punt 15.

66 Pereż. IT.

67 Ir-rikorrenti jkollhom jistabbilixxu mhux biss li ġew ittrattati b'mod mhux favorevoli, iżda wkoll li r-raġuni għal tali trattament kienet karatteristika protetta.

68 L-Artikolu 8 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u l-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi. L-oneru tal-prova invers japplika għal kwalunkwe proċedura ġudizzjarja u/jew amministrattiva (irrispettivament minn min iressaq il-każ) u għall-forom kollha ta' diskriminazzjoni koperti mid-Direttivi.

69 Għall-ġurisprudenza tal-QĠUE dwar il-materja, ara r-rapport tal-2014.

70 Pereż. kif irrapportat minn CZ, IT u HU.

71 Pereż. BE, BG, ES, FR, SI, SK u FI.

72 Diversi Stati Membri (pereż. BE, DK, DE, FR, LT u NL) indikaw riskji ta' diskriminazzjoni li jirriżultaw mill-użu tal-IA. Is-sistemi tal-IA jistgħu jkunu opaki u kumplessi ħafna, u b'hekk ixekklu l-aċċess għall-evidenza u, b'mod aktar ġenerali, il-verifika tal-konformità mal-leġiżlazzjoni dwar in-nondiskriminazzjoni; ara l-White Paper tal-Kummissjoni dwar *l-Intelliġenza Artifiċjali – Approċċ Ewropew għall-eċċellenza u għall-fiduċja* (COM(2020) 65 final); https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/commission-white-paper-artificial-intelligence-feb2020_mt.pdf

73 Il-Premessa 15 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali tgħid li r-regoli tal-liġi jew tal-prattika nazzjonali "… jistgħu jipprovdu b'mod partikolari li d-diskriminazzjoni indiretta tiġi stabbilita b'kull mezz inkluż fuq il-bazi ta' xhieda statistika". Għal aktar informazzjoni dwar il-ġbir tad-*data* dwar l-ugwaljanza, ara t-Taqsima 2.5.

2.2.3. Vittimizzazzjoni

Is-sistemi legali nazzjonali għandhom jiżguraw il-protezzjoni kontra *l-vittimizzazzjoni*[74] u joffru *miżuri legali* adegwati *kontra r-ritaljazzjoni*; dan huwa vitali għall-implimentazzjoni effettiva tad-dritt li wieħed ma jiġix iddiskriminat[75].

Madankollu, fi ftit Stati Membri, tali protezzjoni tidher li hija limitata fil-prattika. Jidher li l-protezzjoni kontra l-vittimizzazzjoni tapplika prinċipalment fil-qasam tal-impjiegi. L-Istati Membri għandhom rekwiżiti legali differenti fir-rigward tad-determinazzjoni ta' min hu intitolat għall-protezzjoni – xi wħud ikopru lir-rikorrenti, lill-vittmi u lix-xhieda biss, filwaqt li l-QĠUE testendi l-protezzjoni għal kull min jista' jiġi affettwat mir-reazzjoni tal-parti soġġetta għal ilment jew għal proċedimenti[76]. Stati Membri oħra rrapportaw ambitu wiesa' ta' protezzjoni fil-livell nazzjonali, pereż. li jkopri individwi oħra minbarra l-vittma[77], bħal xhieda, dawk li jgħinu jew jappoġġaw lill-vittma, kull min jiġi ttrattat b'mod inqas favorevoli minħabba li jirrifjuta li jiddiskrimina, u persuni li jsofru vittimizzazzjoni bi preżunzjoni jew b'assoċjazzjoni[78].

Il-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni tad-dispożizzjoni dwar il-vittimizzazzjoni fid-dawl tas-sentenza *Hakelbracht* tal-QĠUE[79]. Il-proċedimenti ta' ksur[80] imnedija kontra l-Belġju talli dan ma ttrasponiex dik id-dispożizzjoni (fost oħrajn) b'mod korrett ingħalqu aktar tard, iżda għadha għaddejja proċedura oħra fir-rigward ta' dispożizzjoni simili fid-Direttiva 2006/54/KE[81].

2.2.4. Sanzjonijiet

L-Istati Membri għandhom jipprevedu *sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi* applikabbli għal ksur ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jipprojbixxu diskriminazzjoni

---

74 Dan ifisser li l-Istati Membri għandhom jipproteġu lill-individwi minn kwalunkwe trattament avvers jew konsegwenza avversa bħala reazzjoni għal ilment jew għal proċedimenti mmirati biex jinfurzaw il-konformità mal-prinċipju tat-trattament ugwali.

75 L-Artikolu 9 u l-premessa 20 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali; l-Artikolu 11 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi.

76 Fir-rigward tal-Artikolu 24 dwar il-vittimizzazzjoni tad-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Lulju 2006, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23), il-QĠUE ħarġet interpretazzjoni — li tista' tkun rilevanti għall-fehim tal-'vittimizzazzjoni' fiż-żewġ Direttivi — li tiċċara li '... il-kategorija ta' impjegati li huma intitolati għall-protezzjoni [...] għandha tiġi interpretata b'mod wiesa' u tinkludi l-impjegati kollha li jistgħu jkunu soġġetti għal miżuri ta' ritaljazzjoni meħuda minn min iħaddem b'reazzjoni għal ilment ta' diskriminazzjoni [...], mingħajr ma dik il-kategorija tiġi delimitata [...] L-Artikolu 24 ma jillimitax il-protezzjoni biss għall-ħaddiema li ppreżentaw ilment jew għar-rappreżentanti tagħhom, jew għal dawk li jikkonformaw ma' ċerti rekwiżiti formali li jikkundizzjonaw ir-rikonoxximent ta' ċertu status, bħal dak ta' xhud". Ara s-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2019 f'*Hakelbracht et* (C-404/18, ECLI:EU:C:2019:523), il-punti 26-30.

77 Pereż. BG, DE, EE, IT, LT, PL u SI.

78 Pereż. fil-Bulgarija (l-Att tal-2004 dwar il-Protezzjoni kontra d-Diskriminazzjoni, Dispożizzjoni Addizzjonali §1.3.), il-vittimizzazzjoni hija ddefinita bħala:

a) trattament inqas favorevoli ta' persuna li tkun ħadet, hija preżunta li tkun ħadet jew li x'aktarx se tieħu xi azzjoni għall-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni;
b) trattament inqas favorevoli ta' persuna, meta persuna assoċjata magħha tkun ħadet, hija preżunta li tkun ħadet jew li x'aktarx se tieħu xi azzjoni għall-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni; jew
(c) trattament inqas favorevoli ta' persuna li tkun irrifjutat li tiddiskrimina.

79 Is-sentenza *Hakelbracht* (in-nota 76 f'qiegħ il-paġna).

80 Imsemmijin fir-rapport tal-2014.

81 Ara n-nota 76 f'qiegħ il-paġna għall-isem sħiħ tad-Direttiva.

f'konformità mad-Direttivi[82]. Id-Direttivi ma jippreskrivu l-ebda miżura speċifika u jippermettu lill-Istati Membri jiddeċiedu dwar rimedji xierqa għall-kisba tal-objettivi segwiti[83]. Skont il-mod legali magħżul, dawn jistgħu jieħdu diversi forom, bħal multa, kumpens, inibizzjoni biex l-awtur tad-dannu jwettaq jew ma jwettaqx ċerta azzjoni, pubblikazzjoni tal-għemil ħażin, il-ħtieġa ta' apoloġija jew l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet kriminali[84].

Il-QĠUE ħarġet gwida dwar kif għandhom jiġu interpretati r-rekwiżiti legali dwar is-sanzjonijiet, b'mod partikolari;

- ir-rimedji jridu:
  - jirrispettaw il-prinċipju tal-proporzjonalità;
  - jiżguraw protezzjoni ġudizzjarja reali u effettiva[85]; u
  - jiżguraw effett ġenwinament deterrenti u jipprevjenu aktar diskriminazzjoni; dan jinvolvi l-impożizzjoni ta' penali anke fl-assenza ta' vittma identifikabbli[86];
- kwalunkwe kumpens pekunjarju jrid ikun:
  - adegwat fir-rigward tat-telf u l-ħsara mġarrba;
  - mhux soġġett għal limitu massimu predeterminat[87]; u
- sanzjoni purament simbolika ma tistax titqies suffiċjenti[88].

Fil-prattika, jidhru li għadhom jippersistu xi diffikultajiet fl-implimentazzjoni tad-Direttivi, pereż. fir-rigward tal-*limiti massimi ta' kumpens* u tal-*każijiet mingħajr vittma identifikabbli*. Xi qrati nazzjonali għandhom it-tendenza li jistabbilixxu livelli pjuttost moderati ta' danni, jiffavorixxu kumpens mhux monetarju jew joffru ammonti ta' kumpens fin-naħa ta' isfel tal-iskala. Tali tendenzi jistgħu jiskoraġġixxu lill-vittmi milli jieħdu azzjoni legali jew milli jitolbu kumpens finanzjarju fil-qorti.

Il-Kummissjoni tkompli timmonitorja l-istandards applikati fl-użu ta' sanzjonijiet u rimedji fl-Istati Membri, għalkemm huwa diffiċli li tinġabar informazzjoni dettaljata fil-livell nazzjonali u spiss din ma tkunx disponibbli. L-Equinet ukoll iwettaq ħidma importanti dwar din il-kwistjoni[89].

---

82 L-Artikolu 15 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali; l-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi.

83 Ara, *inter alia*, is-sentenza tal-31 ta' Mejju 2013 f' *Asociaţia Accept* (C-81/12, ECLI:EU:C:2013:275), il-punt 61; is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2015 f'*Arjona Camacho* (C-407/14 ECLI:EU:C:2015:831), il-punt 30.

84 Għalhekk, is-sanzjonijiet jistgħu jinkludu kumpens finanzjarju, iżda jistgħu jkunu wkoll ta' natura mhux finanzjarja. Ara, pereżempju, is-sentenza *Asociaţia Accept* (in-nota 83 f'qiegħ il-paġna), il-punt 68.

85 Ara, *inter alia*, is-sentenza *Asociaţia Accept* (in-nota 83 f'qiegħ il-paġna), il-punt 63.

86 Ara s-sentenza *Feryn* (in-nota 65 f'qiegħ il-paġna), il-punt 38; Is-sentenza *Asociaţia Accept* (in-nota 83 f'qiegħ il-paġna), il-punt 62. F'diversi Stati Membri (pereż. AT, BE, CZ, IT, LT, LU, LV, RO u SI), il-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprevedi li (taħt ċerti kundizzjonijiet) jistgħu jiġu imposti penali fl-assenza ta' vittma speċifika.

87 Ara s-sentenza tat-2 ta' Awwissu 1993 f'*Marshall* (C-271/91, ECLI:EU:C:1993:335), il-punti 30-32.

88 Ara s-sentenza *Asociaţia Accept* (in-nota 83 f'qiegħ il-paġna), il-punt 64.

89 Ara Wladasch, K., *The sanctions regime in discrimination cases and its effects* (Equinet, 2015); https://equineteurope.org/publications/the-sanctions-regime-in-discrimination-cases-and-its-effects/

2.3. Informazzjoni, djalogu u mainstreaming tal-ġeneri

2.3.1. Informazzjoni

Id-Direttivi jirrikjedu li l-Istati Membri *jressqu d-dispożizzjonijiet tagħhom għall-attenzjoni ta' dawk ikkonċernati*[90]. Ħafna Stati Membri, korpi tal-ugwaljanza, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u sħab soċjali jirrikonoxxu l-importanza tas-sensibilizzazzjoni u huma pjuttost attivi f'dan ir-rigward, pereż. billi jħejju fuljetti, gwidi u studji, iwettqu kampanji ġenerali u mmirati, u jipprovdu taħriġ.

Madankollu, *sensibilizzazzjoni baxxa* tal-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni u teżistenza tal-korpi tal-ugwaljanza li jassistu lill-vittmi jibqgħu sfidi kbar fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. Pereżempju, 71 % tal-membri ta' gruppi ta' minoranza etnika jew immigranti jirrapportaw li ma jafux li hemm organizzazzjonijiet li joffru appoġġ jew parir lill-vittmi tad-diskriminazzjoni[91]. Għall-kuntrarju, is-sensibilizzazzjoni fost il-popolazzjoni ġenerali dwar l-eżistenza ta' istituzzjoni li toffri appoġġ lill-vittmi tad-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol hija relattivament għolja (61%)[92].

Biex tikkontribwixxi għas-sensibilizzazzjoni, fl-2019–2020 il-Kummissjoni wettqet *kampanja ta'* informazzjoni dwar il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol[93]; Din kienet tikkonsisti fi:

- linja ġenerali ta' sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi tan-nies skont il-leġiżlazzjoni tal-UE kontra d-diskriminazzjoni; u
- linja mmirata li tindirizza lill-impjegaturi u lid-diżabilità; dan kien jinvolvi:
    - l-organizzazzjoni ta' seminars fi tmien Stati Membri; u
    - l-produzzjoni ta' gwida ta' prattiki tajba għall-kumpaniji madwar l-UE li jippruvaw jakkomodaw lill-ħaddiema b'diżabilità[94].

Bħala eżempju ieħor, bejn l-2015 u l-2016, il-Kummissjoni appoġġat lil awtoritajiet lokali f'*attivitajiet ta' komunikazzjoni* mmirati *lejn il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-isterjotipi anti-Rom*[95].

Il-Kummissjoni kompliet ukoll tħeġġeġ attivitajiet ta' informazzjoni permezz tal-appoġġ tagħha lill-Equinet[96] u lin-Network Ewropew tal-Liġi dwar l-Ugwaljanza[97], li jippubblikaw flashes, fuljetti, rapporti u studji dwar kwistjonijiet ewlenin relatati mad-Direttivi.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tappoġġa *t-taħriġ* għall-imħallfin, għall-avukati u għal professjonisti oħra fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tad-Direttivi, billi

---

90 L-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali; L-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi.
91 L-istħarriġ EU-MIDIS II tal-FRA.
92 Tagħrif tal-FRA.
93 https://ec.europa.eu/social/EUvsDiscrimination
94 https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=738&langId=mt&pubId=8341&furtherPubs=yes
95 https://ec.europa.eu/info/policies/justice-and-fundamental-rights/combatting-discrimination/roma-eu/communication-activities-fight-discrimination-against-roma_mt
96 https://equineteurope.org/equinet-at-a-glance/equinet-activities/
97 https://www.equalitylaw.eu/

tiffamiljarizzahom mal-kunċetti ewlenin, mal-kwistjonijiet relatati mal-evidenza u mas-sanzjonijiet għall-ksur[98].

2.3.2. Djalogu

F'diversi Stati Membri, l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili u s-sħab soċjali jiġu kkonsultati jew involuti b'mod attiv fit-tħejjija jew fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni, tal-pjanijiet ta' azzjoni u tal-istrateġiji dwar l-ugwaljanza. Xi Stati Membri jipprevedu bil-liġi djalogu jew negozjati regolari dwar l-ugwaljanza mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Diversi stabbilixxew kumitati konsultattivi fil-korpi nazzjonali tagħhom tal-ugwaljanza li jlaqqgħu flimkien l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u/jew l-isħab soċjali[99].

Fl-istess ħin, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili f'xi Stati Membri allegaw li d-djalogu normalment ikun limitat jew saħansitra nieqes. Oħrajn irrapportaw diffikultajiet biex jaħdmu kif suppost f'ċerti Stati Membri, b'riżultat ta' leġiżlazzjoni restrittiva[100] u problemi ta' aċċess għall-finanzjament, iżda wkoll fastidju.

Is-sħab soċjali għandhom rwol kruċjali fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u fil-promozzjoni tal-ugwaljanza u d-diversità fuq il-post tax-xogħol[101]. It-trade unions u l-assoċjazzjonijiet tal-impjegaturi jaħdmu flimkien billi jikkonkludu ftehimiet kollettivi, joħorġu testi u linji gwida konġunti, u jwettqu proġetti[102].

2.3.3. Mainstreaming tal-ġeneri

Iż-żewġ Direttivi jinkludu rekwiżit biex il-Kummissjoni tirrapporta dwar l-impatt tal-miżuri fuq in-nisa u l-irġiel[103], f'konformità mal-prinċipju tal-mainstreaming tal-ġeneri[104].

Xi Stati Membri jirrapportaw obbligu ġenerali tal-mainstreaming tal-ġeneri fil-leġiżlazzjoni tagħhom. Oħrajn jispjegaw li l-ġeneru huwa fattur fl-approċċ kumplessiv

---

98 Ara, pereżempju, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni *Niżguraw il-ġustizzja fl-UE — strateġija Ewropea għat-taħriġ ġudizzjarju għall-2021–2024* (COM(2020) 713 final). Il-Kummissjoni tappoġġa wkoll l-Akkademja tal-Liġi Ewropea (ERA); ara: https://www.era.int

99 Pereż. DE, IE, EL, ES, RO u FI.

100 Ara s-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2020 fi *Il-Kummissjoni* vs *L-Ungerija* (C- 78/18, ECLI:EU:C:2020:476) dwar liġi Ungeriża li tirrikjedi lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jirċievu appoġġ minn barra biex jirreġistraw bħala "organizzazzjonijiet iffinanzjati minn barra l-pajjiż".

101 Il-Kummissjoni tappoġġa wkoll l-isforzi tal-Pjattaforma tal-UE tal-Karti dwar id-Diversità biex tippermetti lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, lill-korpi pubbliċi u lill-kumpaniji privati jaqsmu l-esperjenza u l-prattiki tajbin dwar il-karti nazzjonali dwar id-diversità; https://ec.europa.eu/info/policies/justice-and-fundamental-rights/combatting-discrimination/tackling-discrimination/diversity-management/eu-platform-diversity-charters_mt

102 Study on *Role of social partners in tackling discrimination at work*, 2020, fi: https://www.eurofound.europa.eu/publications/customised-report/2020/role-of-social-partners-in-tackling-discrimination-at-work;
Study on *Trade union practices on non-discrimination and diversity*, 2019, fi: https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/final_report_tu_print_version.pdf

103 L-Artikolu 19(2) tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi; L-Artikolu 17(2) tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali. Dwar id-diskriminazzjoni multipla u intersezzjonali, ara t-Taqsima 2.1.

104 "Il-mainstreaming tal-ġeneri" jinvolvi l-valutazzjoni tal-impatt tal-azzjoni tal-UE kemm fuq in-nisa kif ukoll fuq l-irġiel u t-teħid tar-responsabbiltà għal kwalunkwe riaġġustament meħtieġ, sabiex in-nisa u l-irġiel jibbenefikaw b'mod ugwali u l-inugwaljanza ma tiġix perpetwata; https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/strategic_engagement_en.pdf

tagħhom għall-intersezzjonalità[105]. Għaldaqstant, jagħtu attenzjoni speċjali lis-sitwazzjoni aktar vulnerabbli, pereżempju, tan-nisa u l-bniet Rom, tal-migranti nisa u tan-nisa b'diżabilità.

2.4. Korpi tal-ugwaljanza

F'konformità mad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali, l-Istati Membri kollha ħatru korp jew korpi speċjalizzati biex ikun responsabbli għall-promozzjoni tat-trattament ugwali irrispettivament mill-oriġini razzjali u etnika. Għadd ta' Direttivi tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-trattament ugwali[106] kellhom rwol ewlieni f'dan ir-rigward, billi 11-il Stat Membru biss (minn 27) kienu stabbilew korp bħal dan qabel l-adozzjoni tagħhom. Filwaqt li d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi ma tipprevedix il-ħolqien ta' korp tal-ugwaljanza, kważi l-korpi tal-Istati Membri kollha[107] għandhom ukoll kompetenza fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva.

Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali tħalli lill-Istati Membri marġni wiesa' ta' diskrezzjoni fuq il-funzjonament tal-korpi tal-ugwaljanza. L-Artikolu 13 jirrikjedi biss li jkollhom ċerti kompetenzi minimi:

- li jipprovdu *assistenza indipendenti* lill-vittmi tad-diskriminazzjoni meta jressqu l-ilmenti tagħhom;
- li jwettqu *stħarriġ indipendenti* dwar id-diskriminazzjoni razzjali; u
- li jippublikaw *rapporti indipendenti* u jagħmlu *rakkommandazzjonijiet* dwar kwalunkwe kwistjoni relatata ma' tali diskriminazzjoni.

Minħabba li l-Istati Membri huma responsabbli għall-implimentazzjoni attwali tad-dispożizzjonijiet, hemm *diverġenzi bejn il-korpi tal-ugwaljanza* f'termini ta' mandat[108], setgħat, strutturi, tmexxija, indipendenza, riżorsi u effettività tagħhom. Min-naħa tagħhom, dawn id-diverġenzi wasslu għal *infurzar mhux ugwali tad-Direttiva* fl-Istati Membri kollha, fir-rigward tal-livell u n-natura tal-protezzjoni u tal-promozzjoni tal-ugwaljanza u tas-sensibilizzazzjoni fost il-pubbliku ġenerali u l-istituzzjonijiet nazzjonali.

Madankollu, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-korpi tal-ugwaljanza wrew li huma kruċjali għall-promozzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar it-trattament ugwali. Irriżulta li dawn huma istituzzjonijiet neċessarji u siewja għall-bidla fil-livell tal-individwi, tal-istituzzjonijiet u tas-soċjetà inġenerali.

---

[105] Pereż. DK, IE, IT, LT, HU, PT u SI.

[106] Ara l-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali, l-Artikolu 12 tad-Direttiva tal-Kunsill2004/113/KE li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi, l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (tfassil mill-ġdid) u l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2010/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill86/613/KEE.

[107] Bl-eċċezzjoni ta' ES, FI u PT.

[108] Pereżempju, f'xi pajjiżi tal-UE, il-korp tal-ugwaljanza jista' jkun parti minn Istituzzjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem (NHRI).

Fit-22 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni adottat *Rakkomandazzjoni dwar standards għall-korpi għall-ugwaljanza*[109], sabiex dawn kollha jiksbu l-potenzjal sħiħ tagħhom. F'Ġunju 2019, biex tikkomplementa dan, organizzat *seminar ta'* prattiki tajba ma' uffiċjali tal-gvern[110].

Il-korpi tal-ugwaljanza huma essenzjali biex jiġi żgurat li l-individwi u l-gruppi li jiffaċċjaw diskriminazzjoni jkunu jistgħu jgawdu d-drittijiet sħaħ tagħhom. Għalhekk għandhom ikunu jistgħu jwettqu b'mod effettiv il-kompiti assenjati lilhom skont il-liġi tal-UE. Il-Kummissjoni impenjat ruħha[111] li teżamina f'aktar dettall sa liema punt l-Istati Membri segwew ir-Rakkomandazzjoni tal-2018, b'enfasi partikolari fuq ir-rwol u l-indipendenza tal-korpi tal-ugwaljanza.

Aktar minn sentejn wara l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni, erba' Stati Membri ddikjaraw l-intenzjoni li jemendaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali tagħhom dwar il-korpi tal-ugwaljanza bħala segwitu għal xi whud mir-rakkomandazzjonijiet u madwar għaxar Stati Membri diġà għamlu dan, pereżempju billi żiedu l-baġit. Madankollu, il-maġġoranza ma rrapportaw l-ebda bidla jew riforma maġġuri.

Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal mehmuż ma' dan ir-rapport jipprovdi tali analiżi dettaljata *tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni*. Dan id-dokument jikkonkludi li livell limitat u mhux ugwali ta' implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni jkompli jfixkel lil xi korpi tal-ugwaljanza milli jeżerċitaw ir-rwol tagħhom b'mod effettiv. Fil-prattika, dan iwassal għal livelli differenti ta' protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni madwar l-UE. It-tkomplija tal-iskambju tal-prattiki tajbin u/jew gwida fil-livell tal-UE u l-ħolqien tas-sensibilizzazzjoni se jkunu ta' benefiċċju kbir biex jissaħħaħ ir-rwol tal-korpi tal-ugwaljanza. Madankollu, l-esperjenza bl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni turi li dan mhuwiex biżżejjed. Il-Kummissjoni għalhekk se tivvaluta jekk tipproponix leġiżlazzjoni possibbli biex issaħħaħ ir-rwol tal-korpi nazzjonali tal-ugwaljanza sal-2022.

2.5. Ġbir tad-*data*

Id-data dwar l-ugwaljanza hija kruċjali biex toħloq sensibilizzazzjoni, biex in-nies isiru sensittivi, biex tiġi kkwantifikata d-diskriminazzjoni, jintwerew ix-xejriet maż-żmien, tiġi pprovata l-eżistenza ta' diskriminazzjoni, tiġi evalwata l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-ugwaljanza, tintwera l-ħtieġa ta' azzjoni pożittiva[112], u jingħata kontribut għat-tfassil tal-politika bbażata fuq l-evidenza[113].

---

[109] C(2018) 3850 final.

[110] Is-seminar ġie organizzat f'kooperazzjoni mal-gvern Żvediż u laqqa' flimkien lill-membri tal-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza u d-Diversità, il-FRA, l-Equinet u xi korpi nazzjonali tal-ugwaljanza. Dan offra appoġġ għal fehim kondiviż tar-Rakkomandazzjoni u stabbilixxa prattiki tajbin għall-implimentazzjoni tagħha.

[111] Fil-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu tal-2020–2025, il-Qafas Strateġiku l-ġdid tal-UE dwar ir-Rom għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni, u l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020–2025.

[112] L-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali; L-Artikolu 7 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi.

[113] Kif imħabbar fil-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu, il-Kummissjoni se tniedi azzjoni biex tmexxi approċċ konsistenti għall-ġbir tad-*data* dwar l-ugwaljanza, b'mod partikolari fir-rigward tad-*data* diżaggregata skont l-oriġini razzjali jew etnika.

Ma hemm l-ebda rekwiżit ġenerali skont id-Direttivi biex tingħabar, tiġi analizzata u tintuża *data* dwar l-ugwaljanza[114]. Madankollu, id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali tirrikjedi li l-korpi tal-ugwaljanza jwettqu stħarriġ indipendenti, jippubblikaw rapporti indipendenti u jagħmlu rakkomandazzjonijiet dwar kwistjonijiet relatati mad-diskriminazzjoni razzjali (ara hawn fuq)[115].

Ittieħdu passi importanti li ġejjin fil-livell tal-UE biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' *data* dwar l-ugwaljanza u l-ħtieġa għal gwida prattika dwar il-ġbir ta' *data* dwar l-ugwaljanza[116]:

- ✓ il-Kummissjoni ppreżentat *sensiela ta' studji dwar id-data dwar l-ugwaljanza*[117]
- ✓ il-Kummissjoni appoġġat il-ħidma tas-Sottogrupp tad-*Data* dwar l-Ugwaljanza tal-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza u d-Diversità[118], li ħareġ:
  - *guidelines on improving the collection and use of equality data at national level*[119] – dawn jenfasizzaw li r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR)[120] ma jipprevjenix il-ġbir tad-*data* dwar l-ugwaljanza, inkuż disaggregata skont l-oriġini razzjali u etnika, jekk dan isir b'mod xieraq[121];
  - a *'compendium of promising practices'*[122]; u
  - a *diagnostic mapping tool*[123]
- ✓ il-programm tal-Kummissjoni "drittijiet, ugwaljanza u ċittadinanza" (REC) jelenka t-titjib tal-ġbir tad-*data* dwar l-ugwaljanza fost il-prijoritajiet tiegħu[124].

Ħafna Stati Membri rrapportaw prattiki tajbin dwar il-ġbir tad-*data* dwar l-ugwaljanza[125], inkluż:

---

[114] Għal definizzjoni sħiħa ta' *data* dwar l-ugwaljanza, ara l-*Guidelines on improving the collection and use of equality data* (Grupp ta' livell Għoli dwar in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza u d-Diversità, Sottogrupp dwar id-*Data* dwar l-Ugwaljanza, Lulju 2018), p. 4; https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/final_guidelines_4-10-18_without_date_july.pdf

[115] L-Artikolu 13(2) tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali.

[116] Din il-ħtieġa ġiet identifikata fir-rapport tal-2014.

[117] https://ec.europa.eu/newsroom/just/item-detail.cfm?item_id=112035

[118] Is-Sottogrupp jiġbor flimkien rappreżentanti mill-Istati Membri u min-Norveġja, mill-Kummissjoni, mill-Eurostat u mill-FRA. Għandu l-għan li jgħin lill-pajjiżi fl-isforzi tagħhom biex itejbu l-ġbir u l-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza.

[119] https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/final_guidelines_4-10-18_without_date_july.pdf

[120] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

[121] Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 9(2)(a), (g) u (j) u l-premessa 26 tal-GDPR. Ara wkoll pp. 7-8 tal-linji gwida tas-Sottogrupp (imsemmijin hawn fuq fin-nota 114 ta' qiegħ il-paġna).

[122] https://fra.europa.eu/en/promising-practices-list?page=3

[123] https://fra.europa.eu/en/themes/equality-non-discrimination-and-racism/about-compendium#diagnostic-tool

[124] Għall-aktar sejħiet riċenti ara l-annessi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-finanzjament tal-Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza u l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma għall-2019 u 2020 (ara rispettivament C(2018) 7916 final, 29.11.2018, p. 20 u C(2019) 7824 final, 5.11.2019, p. 33). Kemm għall-2019 kif ukoll għall-2020, ħames proġetti ffirmaw ftehimiet ta' għotja taħt il-prijorità tal-"ġbir tad-*data*" li jkopru l-kontribuzzjonijiet massimi mill-UE bejn EUR 100 000 u EUR 200 000 għal kull proġett.

- *l-involviment ta' (u l-koordinazzjoni bejn) firxa ta' atturi rilevanti*, pereż. uffiċċji tal-istatistika, dipartimenti u aġenziji pubbliċi, spettorati, universitajiet, ċentri ta' riċerka, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* u s-settur privat[126];
- *il-pubblikazzjoni ta' data dwar l-ilmenti* li jaslu għand il-korpi tal-ugwaljanza, il-pulizija, is-servizzi pubbliċi, l-ispettorati u l-ġudikatura, u dwar *is-sentenzi*[127];
- *l-użu tal-għarfien espert tal-FRA* dwar il-ġbir tad-*data*[128];
- it-trawwim tal-ġbir u tal-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza permezz ta' *proġetti ddedikati*[129];
- l-użu ta' *data* dwar l-ugwaljanza biex jiġu *eżaminati u evalwati l-impatt u l-effettività* tal-leġiżlazzjoni dwar in-nondiskriminazzjoni[130];
- l-użu *ta' "xiri bil-moħbi"* u *ttestjar tas-sitwazzjoni* biex jiġu eżaminati xejriet ta' diskriminazzjoni[131];
- l-involviment ta' organizzazzjonijiet minoritarji *fil-ġbir u t-tixrid tad-data* dwar l-ugwaljanza[132];
- l-iżvilupp ta' *data* statistika li tista' sservi bħala *prova ta' diskriminazzjoni indiretta*[133]; u
- il-ġbir *ta' data diżaggregata dwar l-ugwaljanza* fiċ-ċensimenti tal-popolazzjoni[134].

---

[125] Barra minn hekk, ħafna Stati Membri rrapportaw b'mod estensiv dwar ir-riċerka kwalitattiva u kwantitattiva mwettqa fil-livell nazzjonali dwar suġġetti relatati man-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza.

[126] Madwar nofs it-tweġibiet li waslu mill-Istati Membri semmew prattiki tajbin f'dan ir-rigward.

[127] Irrapportati, pereżempju, minn:
- in-Netherlands (dwar ilmenti lill-korpi tal-ugwaljanza, lill-pulizija u lis-servizzi kontra d-diskriminazzjoni);
- is-Slovakkja (dwar il-qrati li jirrapportaw dwar tilwim ta' diskriminazzjoni); u
- l-Polonja (dwar l-awtoritajiet tal-ispezzjoni tax-xogħol li jippubblikaw in-numru ta' lmenti ta' diskriminazzjoni).

B'mod ġenerali, l-Istati Membri spiss irrapportaw *data* dwar l-ilmenti u/jew deċiżjonijiet b'rabta mal-ħidma tal-korpi tal-ugwaljanza, iżda ferm inqas dwar (il-pubblikazzjoni tad-)*data* dwar ilmenti li jaslu għand il-pulizija jew ilmenti u/jew deċiżjonijiet li jaslu għand il-qrati jew li jingħataw mill-qrati. Iċ-Ċekja rrapportat dwar l-eżistenza ta' rapport speċjalizzat mill-korp tal-ugwaljanza tagħha dwar l-aċċess tal-vittmi tad-diskriminazzjoni għall-ġustizzja, inklużi n-numri u d-*data* dwar il-kawżi tal-qorti. Il-Lussemburgu rrapporta ċifri annwali għall-kundanni tal-awtoritajiet ġudizzjarji fir-rigward tad-diskriminazzjoni razzjali, mingħajr ma kkjarifika jekk din id-*data* kinitx ġiet ippubblikata.

[128] Is-Slovakkja kkonsultat lill-FRA dwar l-iżvilupp ta' kwestjonarju dwar id-diskriminazzjoni. Il-Finlandja sabet gwida fl-attivitajiet tal-FRA għall-armonizzazzjoni tal-mistoqsijiet tagħha għall-finijiet tal-ġbir tad-*data* dwar l-ugwaljanza. Il-Portugall analizza d-*data* nazzjonali tiegħu fid-dawl tas-sejbiet mill-istħarriġ tal-FRA.

[129] Il-Belġju semma proġett iffinanzjat mir-REC immirat lejn l-użu ta' għodod ġodda għall-ġbir u l-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza.

[130] Pereż. BE u FI.

[131] Irrapportat mill-Belġju. L-ittestjar tas-sitwazzjoni huwa metodu li qed jitfa' dawl fuq id-diskriminazzjoni permezz ta' ttestjar li jqabbel il-karatteristiċi ta' żewġ persuni pereż. test fuq l-applikazzjoni ta' żewġ persuni għal impjieg battal, bl-użu ta' applikazzjoni identika li tvarja biss fir-rigward ta' karatteristika partikolari taħt eżami (pereż. l-età).

[132] Pereż. FI u IT.

[133] Pereż. LT.

Madankollu, ħafna Stati Membri għadhom iqisu n-nuqqas ta' *data* dwar l-ugwaljanza bħala problema fil-livell nazzjonali. Hemm *lok partikolari għal titjib* fir-rigward tar-regolarità u l-komparabilità tad-*data*[135], il-ġbir ta' *data* dwar l-ilmenti u dwar każijiet ta' diskriminazzjoni (inkluż dwar is-sanzjonijiet mogħtija), il-ġbir ta' *data* diżaggregata skont l-oriġini razzjali u etnika, il-ġbir ta' *data* minn atturi privati (inklużi impjegaturi), u fir-rigward tal-kooperazzjoni fost dawk kollha kkonċernati.

3. KWISTJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦAD-DIRETTIVA DWAR L-UGWALJANZA RAZZJALI

Sistema komprensiva ta' protezzjoni legali kontra d-diskriminazzjoni teħtieġ li jiġi żgurat li ma jkunx hemm lakuni f'din il-protezzjoni. Għoxrin sena wara l-adozzjoni tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali, f'konformità mal-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu, qed jiġu ppreżentati wkoll lakuni potenzjali fil-protezzjoni offruta mid-Direttiva.

Is-sottorappurtar dwar id-diskriminazzjoni jibqa' problema[136] u l-ġbir ta' *data* dwar l-ilmenti u dwar każijiet ta' diskriminazzjoni għad irid jitjieb[137]. Dan jagħmilha diffiċli biex titwettaq valutazzjoni bir-reqqa tal-oqsma tal-ħajja fejn iseħħu inċidenti ta' diskriminazzjoni fuq il-post.

Stħarriġiet tal-FRA juru li n-nies madwar l-UE jesperjenzaw regolarment livelli għoljin ta' diskriminazzjoni minħabba l-oriġini razzjali jew etnika tagħhom. Mill-oqsma koperti mid-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali, id-*data* tal-FRA turi biċ-ċar li l-impjiegi huwa l-qasam li fih tiġi esperjenzata l-aktar id-diskriminazzjoni abbażi tal-isfond etniku jew immigratorju[138]. Dan ikopri kemm sitwazzjonijiet li fihom in-nies ikunu qegħdin "ifittxu xogħol" kif ukoll "fuq il-post tax-xogħol".

3.1. Il-kunċett ta' "oriġini etnika u razzjali"

Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali ma tiddefinixxix il-kunċett ta' "oriġini razzjali jew etnika"[139]. Il-QĠUE offriet gwida dwar l-interpretazzjoni tal-kunċett tal-"oriġini etnika"[140]; b'mod aktar speċifiku, is-sentenza *CHEZ* irrikonoxxiet li l-kunċett ta' "etniċità" oriġina mill-idea ta' gruppi fis-soċjetà kkaratterizzati b'mod partikolari minn nazzjonalità, fidi reliġjuża, lingwa, oriġini kulturali u tradizzjonali komuni"[141]. Jekk

---

[134] Iċ-Ċensiment Nazzjonali tal-2021 tal-Polonja dwar il-Popolazzjoni u l-Abitazzjoni kopra karatteristiċi bħan-nazzjonalità, l-etniċità u d-diżabilità. Iċ-ċensiment tal-Irlanda tal-2021 kien jinkludi mistoqsija dwar l-etniċità.

[135] L-algoritmi jistgħu jkunu ta' għajnuna biex tiġi identifikata d-diskriminazzjoni, pereż. billi juru xejriet ta' żvantaġġi.

[136] Ara hawn fuq taħt il-Kapitolu 2.2.1. dwar id-Difiża tad-drittijiet.

[137] Ara hawn fuq taħt il-Kapitolu 2.5. dwar il-Ġbir tad-*data*.

[138] Għal aktar informazzjoni, ara l-istħarriġ tal-FRA EU-MIDIS II, p. 34.
Fir-rigward tal-aċċess għas-suq tax-xogħol, xi Stati Membri rrappurtaw ukoll tħassib partikolari għall-persuni ta' dixxendenza Afrikana.

[139] Id-Direttiva toffri protezzjoni lil kulħadd, inkluż liċ-ċittadini mhux tal-UE. Fl-istess ħin, tiddikjara li d-differenzi fit-trattament imsejsa fuq *in-nazzjonalità* u li jirriżultaw mill-*istatus legali* ta' ċittadini mhux tal-UE u ta' persuni mingħajr Stat ma humiex koperti (ara l-Artikolu 3(2) u l-premessa 13).

[140] Tali gwida ma teżistix fil-konfront tal-interpretazzjoni tal-kunċett tal-"oriġini razzjali". Xi Stati Membri ma jirreferux għal "razza" jew "oriġini razzjali" fil-leġiżlazzjoni domestika, sabiex jevitaw ġeneralizzazzjonijiet li jkunu ta' ħsara għall-gruppi. Dan it-tħassib huwa wkoll il-bażi tal-premessa 6 tad-Direttiva, li tiddikjara li l-UE "… tirrifjuta t-teoriji li jippruvaw jistabbilixxu l-eżistenza ta' razez umani separati".

[141] Is-sentenza *CHEZ* (in-nota 33 f'qiegħ il-paġna), il-punt 46. Ara wkoll is-sentenza tas-6 ta' April 2017 f'*Jyske Finans A/S* (C-668/15, EU:C:2017:278), il-punt 17. Fl-iżvilupp ta' din id-definizzjoni, il-QĠUE

hijiex kwistjoni tal-oriġini razzjali jew etnika tista' għalhekk tiġi ddeterminata abbażi ta' karatteristiċi differenti, inklużi *l-lingwa, ir-reliġjon, l-oriġini, il-kulur tal-ġilda u n-nazzjonalità*. Billi d-*data* tal-FRA turi li l-kulur tal-ġilda u/jew ir-reliġjon ta' persuna jirrappreżentaw skattaturi speċifiċi ta' diskriminazzjoni etnika jew razzjali, dan huwa ta' rilevanza prattika importanti[142].

F'*Jyske Finans*, il-QĠUE saħqet li l-*pajjiż tat-twelid* ta' persuna jista' jitqies ukoll bħala fattur rilevanti[143]. Madankollu, iċċarat li dan ma jistax jiġi aċċettat bħala kriterju *suffiċjenti*. Il-pajjiż tat-twelid ta' persuna "ikun biss wieħed mill-fatturi speċifiċi li jippermettu li tiġi konkluża l-appartenenza ta' persuna għal grupp etniku, mingħajr bl-ebda mod ma jkun deċiżiv f'dan ir-rigward"[144]. Skont il-Qorti, trattament differenti minn istituzzjoni ta' kreditu bbażat biss fuq il-bażi tal-pajjiż tat-twelid ta' persuna (fl-assenza ta' kwalunkwe fattur ieħor) ma huwiex suffiċjenti biex jappoġġa azzjoni dwar diskriminazzjoni bbażata fuq "oriġini etnika". Għalhekk, biex tiġi stabbilita diskriminazzjoni indiretta, wieħed ikollu jidentifika *grupp etniku speċifiku* li ġie żvantaġġat, meta mqabbel ma' gruppi oħra. Fil-fehma tal-Qorti, l-argument li l-pajjiż tat-twelid ta' persuna "ġeneralment b'mod iktar probabbli jaffettwa lill-persuni ta' 'oriġini etnika partikolari' meta mqabbla ma' 'persuni oħra' ma jistax jiġi aċċettat"[145].

Il-QĠUE kkonfermat l-approċċ tagħha fis-sentenza tagħha fil-Kawża *Maniero*, li kienet tikkonċerna borża ta' studju edukattiva disponibbli biss għal individwi li kienu għaddew minn eżami tal-liġi tal-istat Ġermaniż u mhux għal dawk li kienu għaddew minn eżami ekwivalenti f'pajjiżi oħra. F'konformità mar-raġunament tagħha f'*Jyske Finans*, il-Qorti argumentat li l-ebda *grupp etniku speċifiku* ma jista' jitqies bħala żvantaġġat, meta mqabbel ma' oħrajn[146].

Meta rrapportaw dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali, diversi Stati Membri ġibdu l-attenzjoni għall-protezzjoni offruta fil-livell nazzjonali kontra diskriminazzjoni għal raġunijiet bħall-kulur tal-ġilda, il-post tat-twelid, il-lingwa, id-dixxendenza jew l-oriġini nazzjonali. Raġunijiet bħall-kulur, il-lingwa u t-twelid, fost l-oħrajn, huma msemmija b'mod espliċitu fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[147]. Il-Karta tapplika fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-UE u l-Artikolu 21 tagħha ġie rikonoxxut bħala li għandu effett orizzontali diretti[148]. Meta interpretat il-kunċett ta' oriġini razzjali, il-QĠUE ddependiet fuq l-importanza li tiġi żgurata protezzjoni effettiva għad-dritt għall-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 21 tal-Karta[149]. Filwaqt li ddeċidiet li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva ma jistax jiġi ddefinit b'mod restrittiv, madankollu għamlitha ċara li dan ma

---

ħadet kont tad-definizzjonijiet użati fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, b'mod partikolari fis-sentenzi *Nachova u oħrajn vs Il-Bulgarija* [GC], Nri 43577/98 u 43579/98, ECHR 2005-VII, u *Sejdić u Finci vs Bosnja-Ħerzegovina* [GC], Nri 27996/06 u 34836/06, § § 43 sa 45 u 50, ECHR 2009 (ara s-sentenza *CHEZ*, il-punt 46).

142 Tagħrif tal-FRA.

143 Is-sentenza *Jyske Finans* (in-nota 141 f'qiegħ il-paġna), il-punt 18. Din il-kawża kienet tikkonċerna istituzzjoni ta' kreditu li talbet lil ċittadin Daniż imwieled fil-Bożnija-Ħerzegovina biex jipprovdi prova addizzjonali ta' identifikazzjoni, meta ma titlobx dan mingħand ċittadini Daniżi li twieldu fid-Danimarka.

144 Is-sentenza *Jyske Finans* (in-nota 141 f'qiegħ il-paġna), il-punti 18 u 20.

145 Is-sentenza *Jyske Finans* (in-nota 141 f'qiegħ il-paġna), il-punti 34-35.

146 Is-sentenza tal-15 ta' Novembru 2018 f'*Heiko Jonny Maniero* (C-457/17 ECLI:EU:C:2018:912), il-punti 47 u 48.

147 Barra minn hekk, din id-dispożizzjoni tinkludi lista *miftuħa* ta' raġunijiet ta' diskriminazzjoni.

148 Ara s-sentenza tal-25 ta' Mejju 2018 f'*Vera*Egenberger (C-414/16, EU:C:2018:257).

149 Ara s-sentenza *CHEZ* (in-nota 33 f'qiegħ il-paġna), il-punti 42, 55 u 56.

jistax jiġi estiż għal diskriminazzjoni fuq raġunijiet oħra għajr dawk elenkati b'mod eżawrjenti fid-Direttiva[150].

3.2. Kamp ta' applikazzjoni

F'dan il-kuntest, huwa rilevanti li jitfakkar li l-Artikolu 19 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jifforma l-bażi legali tad-Direttiva, jagħti s-setgħa lil-leġislatur tal-Unjoni biex jiġġieled id-diskriminazzjoni biss fil-limiti tas-setgħat mogħtija mit-Trattati lill-Unjoni.

L-Artikolu 3 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali jirreferi għall-impjiegi u l-okkupazzjoni, il-protezzjoni/il-vantaġġi soċjali, l-edukazzjoni u l-aċċess għal prodotti u servizzi li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluża l-abitazzjoni, u l-provvista tagħhom.

F'dak il-kamp ta' applikazzjoni, id-Direttiva tapplika wkoll għal diskriminazzjoni li tirriżulta mill-użu tal-*intelliġenza artifiċjali*[151].

Fir-rigward tal-impjieg, id-Direttiva tapplika għall-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-impjieg, l-impjieg indipendenti u l-okkupazzjoni, għall-aċċess għat-tipi kollha u għal-livelli kollha ta' gwida u taħriġ vokazzjonali u għall-impjieg u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, inklużi s-sensji u l-paga. Madankollu hemm eċċezzjoni fejn differenza fit-trattament ibbażata fuq karatteristika relatata mal-oriġini razzjali jew etnika ma għandhiex tikkostitwixxi diskriminazzjoni fejn tikkorrispondi għal rekwiżit speċifiku indispensabbli għal ċerta attività professjonali[152]. Dan ifisser, pereżempju, li direttur tal-films jista' jfittex attur ta' oriġini razzjali partikolari għal rwol f'film.

Id-Direttiva tkopri t-tipi kollha ta' *edukazzjoni*, ġenerali u vokazzjonali, pubblika u privata, reliġjuża u sekulari, mill-edukazzjoni ta' qabel l-iskola sal-edukazzjoni għolja. Fis-sentenza *Maniero*, il-QĠUE ċċarat il-kopertura ta' "edukazzjoni". Wara li qrat id-Direttiva fid-dawl tal-objettiv tagħha li tippromwovi l-ugwaljanza, hija interpretat il-kunċett b'mod wiesa', bħala li jinkludi *l-aċċess għall-edukazzjoni* u *l-eliminazzjoni ta' ostakli finanzjarji rilevanti*. L-għoti ta' benefiċċji finanzjarji marbuta mill-qrib mal-parteċipazzjoni ta' individwu fi proġetti edukattivi għalhekk jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva[153].

Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali tkopri l-aċċess għal u *l-provvista ta' prodotti u servizzi*, li huma disponibbli għall-pubbliku. It-tifsira *tal-kunċett ta' "servizzi"* hija meħuda mill-Artikolu 57 tat-TFUE – dawn iridu jikkostitwixxu attività ekonomika, jiġifieri normalment jiġu pprovduti għal remunerazzjoni u jinkludu b'mod partikolari karattru industrijali jew kummerċjali.

---

[150] Ara, pereżempju, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2006 f'*SoniaChacón Navas* (C-13/05 ECLI:EU:C:2006:456).

[151] Fid-19 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni ppubblikat il-White Paper dwar l-Intelliġenza Artifiċjali li tistabbilixxi t-triq lejn proposta leġiżlattiva li ssegwi approċċ iċċentrat fuq il-bniedem, li l-Kummissjoni se tippreżenta fl-2021. Għal aktar informazzjoni dwar id-diskriminazzjoni algoritmika, ara fost pubblikazzjonijiet rilevanti oħrajn: FRA (2020), 'Getting the future right – Artificial intelligence and fundamental rights' (https://fra.europa.eu/en/publication/2020/artificial-intelligence-and-fundamental-rights); FRA (2018), '#BigData: Discrimination in data-supported decision making' (https://fra.europa.eu/en/publication/2018/bigdata-discrimination-data-supported-decision-making)

[152] Ara l-Artikolu 4 tad-Direttiva.

[153] Is-Sentenza *Heiko Jonny Maniero* (in-nota 146 f'qiegħ il-paġna).

Id-Direttiva tapplika irrispettivament minn jekk il-prodotti u s-servizzi disponibbli għall-pubbliku jiġux fornuti fis-settur pubbliku jew privat. Madankollu, is-servizzi *pubbliċi* huma koperti biss sa fejn jikkorrispondu mat-tifsira ta' "servizz" fis-sens tal-Artikolu 57 TFUE, kif deskritt hawn fuq.

Is-*servizzi* skont it-tifsira tad-Direttiva jinkludu, pereżempju, l-abitazzjoni[154] jew il-provvista tal-elettriku[155]. Il-kura tas-saħħa hija koperta bħala aspett tas-sigurtà soċjali iżda tista' wkoll taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tas-servizzi, madankollu biss jekk tingħata bi ħlas minn korp bi skop ta' qligħ[156].

Il-leġiżlatur ma inkludiex fil-kamp ta' applikazzjoni materjali tad-Direttiva azzjonijiet tas-settur pubbliku li jinvolvu l-"eżerċizzju ta' awtorità pubblika" (pereż. mill-pulizija, mill-awtoritajiet ta' kontra l-frodi, mill-awtoritajiet tal-ġustizzja kriminali u ċivili) mingħajr l-ebda element ta' "forniment ta' servizz"[157]. Pereżempju, id-Direttiva mhijiex applikabbli meta persuna titwaqqaf jew tiġi ffastidjata mill-pulizija minħabba l-isfond razzjali jew etniku tagħha[158].

Ir-riferiment għal prodotti u servizzi "disponibbli għall-pubbliku" huwa kunċett li xi kultant iqajjem mistoqsijiet. Il-kundizzjoni tad-"disponibbiltà għall-pubbliku" tinkludi sitwazzjonijiet fejn l-offerta biex jiġi pprovdut ċertu prodott jew servizz tkun saret fid-dominju pubbliku (pereż. permezz ta' reklam f'gazzetta jew fuq sit web aċċessibbli għall-pubbliku, jew fuq fuljett f'tieqa) iżda mhux dawk offruti biss liċ-ċirku tal-membri tal-familja.

3.3. Il-persuni Rom huma fost il-gruppi l-aktar affettwati mid-diskriminazzjoni

Diversi Stati Membri u partijiet ikkonċernati indikaw li l-persuni Rom[159] huma partikolarment affettwati mid-diskriminazzjoni, l-aktar fl-oqsma tal-edukazzjoni u l-aċċess għall-impjiegi u l-abitazzjoni (dan huma l-istess bħal fl-istħarriġ tal-FRA[160]). Il-komunitajiet Rom jiffaċċjaw ukoll kwistjonijiet serji fir-rigward tas-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet u l-aċċess għall-ġustizzja[161]. Il-pandemija tal-COVID-19 affettwat lir-

[154] L-"abitazzjoni" ma hijiex iddefinita fid-Direttiva; il-konfini ta' dan it-terminu bilkemm ġew ittestjati sa issa.

[155] Is-sentenza *CHEZ* (in-nota 33 f'qiegħ il-paġna), il-punt 43.

[156] Ara l-Manwal tal-FRA dwar il-liġi Ewropea kontra d-diskriminazzjoni, 2018, p. 134, inklużi referenzi għall-ġurisprudenza tal-QĠUE.

[157] Is-sentenza tat-12 ta' Mejju 2011 f'*Runevič-Vardyn* (C-391/09 ECLI:EU:C:2011:291), il-punti 45, 47 u 48. Il-Qorti nnotat li, fil-ħidma preparatorja dwar id-Direttiva, il-Kunsill ma aċċettax emenda proposta mill-Parlament Ewropew li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tagħha għal "l-eżerċitar minn kwalunkwe korp pubbliku, inklużi l-pulizija, l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni, tal-ġustizzja kriminali u ċivili, tal-funzjonijiet tiegħu".

[158] Meta ġew mistħarrġa persuni minn gruppi minoritarji etniċi jew immigranti, 14 % qalu li twaqqfu mill-pulizija fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ. Minn dawk li twaqqfu matul dan il-perjodu ta' żmien, 40 % jemmnu li l-aktar waqfa reċenti kienet minħabba l-isfond etniku jew migratorju tagħhom (stħarriġ tal-FRA EU-MIDIS II, p. 69). Fost ir-rispondenti li esperjenzaw fastidju mmotivat mill-mibegħda, 3 % qalu li l-awtur kien uffiċjal tal-pulizija jew gwardja tal-fruntiera (stħarriġ tal-FRA EU-MIDIS II, p. 17).

[159] L-Irlanda tirreferi wkoll għat-"Travellers" (grupp etniku indiġenu nomadiku li l-membri tiegħu jżommu sett ta' tradizzjonijiet). Għalkemm xi kultant jixxebbhu mar-Rom, minħabba tradizzjonijiet nomadiċi (tal-passat) u livelli simili ta' diskriminazzjoni u esklużjoni soċjali, ma humiex lingwistikament relatati.

[160] Stħarriġ tal-FRA tal-2020 f'sitt pajjiżi wera li fil-ħames snin preċedenti 60 % tar-Rom u Travellers ħassewhom diskriminati minħabba l-isfond Rom jew ta' Travellers tagħhom, https://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/fra-2020-roma-travellers-six-countries_en.pdf

[161] Il-partijiet ikkonċernati rrapportaw livelli partikolarment baxxi ta' sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet fil-komunità Rom.

Rom b'mod sproporzjonat, u kompliet taggrava l-inugwaljanzi, b'mod partikolari fl-edukazzjoni, fil-kura tas-saħħa u fl-impjiegi[162].

Biex jindirizzaw dawn l-isfidi, l-Istati Membri rrapportaw azzjonijiet ta' politika, riċerka u kampanji speċifiċi. Wara l-evalwazzjoni tagħha tal-Qafas tal-UE għal Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom sal-2020[163], il-Kummissjoni ħarġet *Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni* għall-2020–2030[164]. Bi struttura ta' tliet pilastri, din tikkomplementa l-inklużjoni soċjoekonomika tar-Rom bit-trawwim tal-ugwaljanza u bil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni. Il-ġbir imtejjeb tad-*data* huwa aspett importanti tal-inizjattiva[165].

Il-qafas il-ġdid huwa akkumpanjat minn proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom. Wieħed mill-għanijiet ewlenin huwa l-implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali billi tiġi evitata u miġġielda d-diskriminazzjoni kontra n-nies Rom. Dan jinkludi rakkomandazzjonijiet biex jiġi indirizzat l-anti-Żingariżmu u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex iżidu l-involviment tal-korpi nazzjonali tal-ugwaljanza u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-kooperazzjoni magħhom biex jintlaħqu dawn l-objettivi.

Mill-2014, il-Kummissjoni bdiet proċeduri ta' ksur kontra tliet Stati Membri għas-segregazzjoni tat-tfal Rom fl-iskejjel[166]. Dawn il-proċeduri għadhom għaddejjin.

4. KWISTJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦAD-DIRETTIVA DWAR L-UGWALJANZA FL-IMPJIEGI

L-Istati Membri ma indikaw l-ebda diffikultà kbira fir-rigward tal-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi fl-2014–2020, filwaqt li nnutaw xi diffikultajiet fejn jidħlu kunċetti komuni fiż-żewġ Direttivi[167]. Xi partijiet ikkonċernati ffukaw b'mod partikolari fuq il-kwistjoni tal-akkomodazzjoni raġonevoli ta' persuni b'diżabilità inkluż fir-rigward tal-isfidi fil-fehim ta' dan il-kunċett, l-applikazzjoni tiegħu fil-prattika u l-għoti ta' gwida adegwata f'dan ir-rigward. Xi partijiet ikkonċernati pproponew li jiġi estiż l-obbligu ta' akkomodazzjoni raġonevoli biex ikopri raġunijiet ta' diskriminazzjoni oħra apparti d-diżabilità.

Bħalissa ma hemm l-ebda proċedura ta' ksur fir-rigward tad-Direttiva. Madankollu, il-QĠUE ħarġet għadd ta' sentenzi importanti f'kawżi preliminari ppreżentati minn diversi qrati nazzjonali tal-Istati Membri rigward id-diskriminazzjoni għar-raġunijiet kollha koperti mid-Direttiva[168].

---

[162] https://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/fra-2020-coronavirus-pandemic-eu-bulletin-roma_en.pdf

[163] Ir-*Rapport dwar l-evalwazzjoni tal-Qafas tal-UE tal-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom sal-2020* (COM(2018) 785 final).

[164] https://ec.europa.eu/info/publications/new-eu-roma-strategic-framework-equality-inclusion-and-participation-full-package_mt

[165] Il-progress fil-kisba tal-objettivi tal-Qafas Strateġiku tar-Rom huwa propost li jiġi mmonitorjat permezz ta' qafas ta' indikaturi komuni tal-UE li se jqis l-ispeċifiċitajiet tal-pajjiżi. Għal deskrizzjoni fil-qosor ta' portafoll ta' tali indikaturi, ara FRA Monitoring framework for an EU Roma Strategic Framework for Equality, Inclusion and Participation: Objectives and indicators, https://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/2020-portfolio_of_indicators_working-paper_en.pdf

[166] CZ, HU (https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/MEMO_16_1823, point 5); SK (https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/INF_19_5950, punt 4).

[167] Ara l-Kapitolu 2 hawn fuq.

[168] Madwar 50 sentenza mill-2014; 10 kawżi preliminari għadhom pendenti.

4.1. Kamp ta' applikazzjoni

Il-QĠUE tat diversi sentenzi importanti dwar *il-kamp ta' applikazzjoni* tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi.

Din iċċarat[169] li l-kunċett ta' "kundizzjonijiet għall-aċċess għall-impjieg" fl-Artikolu 3(1)(a) jista' jkopri d-*dikjarazzjonijiet pubbliċi ta' impjegatur*, anki fl-assenza ta' proċedura ta' reklutaġġ, sakemm dawn ikunu relatati mal-politika ta' reklutaġġ ta' ditta. Il-kawża kienet tikkonċerna d-dikjarazzjonijiet pubbliċi ta' avukat li qatt ma kien se jimpjega kandidati omosesswali[170]. L-interpretazzjoni ma hijiex affettwata mil-limitazzjoni possibbli tal-eżerċizzju tal-libertà tal-espressjoni.

F'sentenza oħra[171], il-Qorti sostniet li d-Direttiva tapplika għal skema ta' *tassazzjoni* mfassla biex ittejjeb l-aċċess għat-taħriġ vokazzjonali għaż-żgħażagħ, fejn it-trattament tat-taxxa tal-ispejjeż tat-taħriġ ivarja skont l-età tat-trainee. Madankollu, f'kuntest ieħor fil-każ ta' *C*[172], hija ddeċidiet li l-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar taxxa supplimentari fuq l-introjtu mill-pensjoni tal-irtirar ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni sostantiv tad-Direttiva. Leġiżlazzjoni bħal din ma tikkonċernax il-"paga", iżda pjuttost ir-rata tat-taxxa, li hija esterna għar-relazzjoni tal-impjieg[173].

Il-Qorti kkonfermat il-ġurisprudenza tagħha li *r-raġunijiet ta' diskriminazzjoni* stabbiliti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva huma elenkati b'mod eżawrjenti u ma jinkludux il-kategorija professjonali[174] u lanqas in-natura tar-relazzjoni tal-impjieg[175] tal-individwi kkonċernati.

4.2. Reliġjon

Għall-ewwel darba mill-adozzjoni tad-Direttiva, il-QĠUE kellha l-opportunità toħroġ sentenzi importanti dwar id-dispożizzjonijiet relatati mad-diskriminazzjoni fuq raġunijiet reliġjużi.

Fil-Kawża *Achbita*[176], il-Qorti interpretat ir-"reliġjon" f'sens wiesa' li jkopri l-libertà tan-nies li juru t-twemmin reliġjuż tagħhom fil-pubbliku. Hija sostniet li regola interna ta' impriża privata li tipprojbixxi l-ilbies viżibbli ta' kwalunkwe simbolu politiku, filosofiku jew reliġjuż ma tikkostitwixxix diskriminazzjoni diretta, sakemm tapplika għall-ħaddiema kollha bl-istess mod. Madankollu, regola apparentement newtrali bħal din tista' tikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta sakemm ma tkunx iġġustifikata b'mod oġġettiv fuq il-bażi tal-adegwatezza u n-neċessità. Politika ta' newtralità politika, filosofika u reliġjuża tista' tikkostitwixxi objettiv leġittimu.

---

[169] Is-sentenza tat-23 ta' April 2020 *in Associazione Avvocatura per i diritti LGBTI*, (C-507/18, ECLI:EU:C:2020:289).

[170] L-interpretazzjoni ta' dan il-kunċett, kif iċċarat mill-QĠUE b'rabta mad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi, tista' tkun rilevanti wkoll, b'analoġija, għall-interpretazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali, li l-kamp ta' applikazzjoni tagħha wkoll ikopri "kundizzjonijiet għall-aċċess għall-impjieg".

[171] Is-sentenza tal-10 ta' Novembru 2016 f'*de Lange* (C-548/15, ECLI:EU:C:2016:850).

[172] Is-sentenza tat-2 ta' Ġunju 2016 f'*C* (C-122/15, ECLI:EU:C:2016:391).

[173] Is-sentenza tal-24 ta' Settembru 2020 f'*YS vs NK AG* (C-223/19, ECLI:EU:C:2020:753).

[174] Is-sentenza tat-8 ta' Ottubru 2020 f'*FT* (C-644/19, ECLI:EU:C:2020:810).

[175] Is-sentenza tas-17 ta' Marzu 2017 f'*Milkova* (ECLI:EU:C:2017:198).

[176] Ara s-sentenza *Achbita* (in-nota 33 f'qiegħ il-paġna)

Fis-sentenza *Bougnaoui*[177], il-Qorti ddeċidiet li, fl-assenza ta' politika ta' newtralità, impjegatur ma jistax jirrikjedi li ħaddiema ma tilbisx velu Iżlamiku fuq il-post tax-xogħol biex jissodisfa x-xewqa ta' klijent. Tali trattament ma jikkostitwixxix "rekwiżit professjonali essenzjali u determinanti," skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva, iġġustifikat min-natura/il-kuntest tal-attivitajiet okkupazzjonali tal-ħaddiem.

Żewġ sentenzi oħra tal-QĠUE[178] kienu jikkonċernaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva, li jipprevedi eċċezzjoni għall-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni fir-rigward ta' knejjes jew organizzazzjonijiet oħra bbażati fuq l-etika. Il-Qorti ddeċidiet li l-qrati nazzjonali għandhom jissoġġettaw rekwiżiti okkupazzjonali imposti minn organizzazzjonijiet ibbażati fuq l-etika għal *stħarriġ ġudizzjarju effettiv*. Ir-rekwiżiti għandhom ikunu neċessarji u oġġettivament marbuta man-natura/il-kuntest tal-attività okkupazzjonali, filwaqt li titqies l-etika tal-organizzazzjoni. Dawn ma jistgħux ikopru kunsiderazzjonijiet barranin għal dik l-etika jew id-dritt tal-organizzazzjoni għall-awtonomija, u jridu jkunu konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

Il-Qorti hija mistennija tkompli tirfina l-ġurisprudenza tagħha f'żewġ kawżi pendenti jiġifieri C-804/18 u C-344/20[179]. L-aħħar waħda tqajjem ukoll mistoqsija dwar il-kunċett ta' "twemmin". Għadd ta' Stati Membri qalu li huma jilqgħu kjarifika ulterjuri tal-kunċett permezz tal-ġurisprudenza tal-UE.

4.3. Orjentazzjoni sesswali

Filwaqt li qieset l-objettivi u l-valuri fundamentali li fuqhom hija bbażata d-Direttiva, il-Qorti ċċarat il-kundizzjonijiet li taħthom *id-dikjarazzjonijiet pubbliċi omofobiċi* jikkostitwixxu diskriminazzjoni[180]. L-espressjoni ta' opinjonijiet diskriminatorji fi kwistjonijiet ta' reklutaġġ minn impjegatur x'aktarx li tiskoraġġixxi lil individwi milli japplikaw għal kariga.

F'sentenza oħra[181], il-Qorti indikat li l-Istati Membri huma liberi li jirregolaw *iż-żwieġ bejn persuni tal-istess sess* jew forma alternattiva ta' rikonoxximent legali tar-relazzjoni tagħhom, u li jistabbilixxu d-data effettiva ta' tali żwieġ. Hija kkonkludiet li regola fl-Irlanda, li biha d-dritt għal benefiċċju tas-superstiti kien soġġett għal sħubija ċivili li daħal fiha l-membru ta' skema ta' benefiċċju okkupazzjonali qabel laħaq l-età ta' 60 sena, ma kinitx tikkostitwixxi diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali, għalkemm il-liġi nazzjonali ma kinitx tippermetti sħubijiet ċivili qabel ma s-sħab laħqu dik l-età.

4.4. Diżabilità

Xi partijiet ikkonċernati semmew xi diffikultajiet fl-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "diżabilità". F'dan ir-rigward, il-QĠUE pprovdiet kjarifika utli billi rreferiet għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità tan-Nazzjonijiet Uniti (UNCRPD), li ġiet approvata f'isem il-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE u li saret bid-dħul fis-seħħ tagħha, jiġifieri t-3 ta' Mejju 2008, parti integrali mill-ordni legali

[177] Is-sentenza tal-14 ta' Marzu 2017 f'*Bougnaoui*(C-188/15, ECLI:EU:C:2017:204).
[178] Ara s-sentenza*Vera Egenberger* (in-nota 148 f'qiegħ il-paġna); is-sentenza tal-11 ta' Settembru 2018 f'*IR* (C-68/17, ECLI:EU:C:2018:696).
[179] Il-Kawża pendenti *WABE* (C-804/18); il-Kawża pendenti *S.C.R.L.* (C-344/20).
[180] Ara s-sentenza *f'Associazione Avvocatura per i diritti LGBTI* (nota 169 f'qiegħ il-paġna).
[181] Ara s-sentenza *David L. Parris* (in-nota 36 f'qiegħ il-paġna).

tal-UE. Il-Qorti ddeċidiet li l-kunċetti ta' "diżabilità" u limitazzjoni "għal żmien twil" tal-kapaċità ta' persuna fuq il-post tax-xogħol għandhom jingħataw interpretazzjoni awtonoma u uniformi fl-UE kollha[182].

Il-kunċett ta' "diżabilità" jirreferi għal limitazzjoni li tirriżulta b'mod partikolari minn indebolimenti fiżiċi, mentali jew psikoloġiċi fit-tul, li f'interazzjoni ma' diversi ostakli jistgħu jxekklu l-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva ta' persuna fil-ħajja professjonali fuq bażi ugwali ma' ħaddiema oħra. Fis-sentenza *Z* tagħha, il-Qorti speċifikat[183] li l-inkapaċità ta' omm li jkollha tarbija b'mezzi konvenzjonali[184] fiha nnifisha ma tikkostitwixxix tfixkil għall-eżerċizzju ta' attività professjonali. Fis-sentenza *FOA*[185], hija ddeċidiet li, filwaqt li l-obeżità fiha nnifisha ma tikkostitwixxix "diżabilità", tista', f'ċerti ċirkustanzi, tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa mid-Direttiva u għalhekk tkun koperta minnha.

Is-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-ħaddiema b'diżabilità għandhom jitqiesu meta jiġi vvalutat jekk ikunux fi żvantaġġ meta mqabbla ma' oħrajn jew jekk il-miżuri nazzjonali jissodisfawx it-test tal-proporzjonalità. Għalhekk, fil-Kawża *Ruiz Conejero*[186], il-Qorti ddeċidiet li l-persuni b'diżabilità għandhom ir-riskju addizzjonali li jkunu assenti mix-xogħol minħabba marda marbuta mad-diżabilità tagħhom u li jkollhom riskju ikbar li jakkumulaw jiem ta' assenza minħabba mard, u konsegwentement li jilħqu l-limiti stabbiliti fil-liġi. Il-Qorti kkonkludiet li dan jista' jiżvantaġġa lill-ħaddiema b'diżabilità u b'hekk iwassal għal differenza fit-trattament ibbażata indirettament fuq id-diżabilità. Barra minn hekk, fil-valutazzjoni tal-proporzjonalità tal-miżuri nazzjonali inkwistjoni, il-Qorti ddeċidiet li ma għandux jiġi injorat li l-persuni b'diżabilità ġeneralment jiffaċċjaw diffikultajiet ikbar mill-persuni mingħajr diżabilità meta jidħlu mill-ġdid fis-suq tax-xogħol[187].

F'kawża oħra l-Qorti ddeċidiet li jekk impjegatur ma pprovdix akkomodazzjoni raġonevoli (l-Artikolu 5 tad-Direttiva), it-tkeċċija ta' ħaddiem b'diżabilità fuq il-bażi ta' kriterji ddeterminati mill-impjegatur (produttività baxxa, livell baxx ta' ħiliet multipli u rata għolja ta' assenteiżmu) tikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta għal raġunijiet ta' diżabilità. F'dan ir-rigward, il-Qorti ċċitat l-Artikolu 2 tal-UNCRPD, li taħtu ċ-ċaħda ta' akkomodazzjoni raġonevoli hija forma ta' diskriminazzjoni[188].

F'sentenza riċenti, il-Qorti interpretat il-kunċett ta' "diskriminazzjoni" (l-Artikolu 2 tad-Direttiva) u ddeċidiet li l-prinċipju ta' trattament ugwali huwa maħsub biex jipproteġi ħaddiem li għandu diżabilità kontra kwalunkwe diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' dik id-

[182] Is-sentenza tal-1 ta' Diċembru 2016 f'*Daouidi* (C-395/15, ECLI:EU:C:2016:917).

[183] Is-sentenza tat-18 ta' Novembru 2014 f'*Z* (C-363/12, ECLI:EU:C:2014:159);

[184] Il-kawża kienet tikkonċerna mara li ma setgħetx issostni tqala minħabba kundizzjoni rari. L-impjegatur tagħha rrifjutat li jagħtiha leave imħallas ekwivalenti għal leave tal-maternità jew leave tal-adozzjoni wara t-twelid ta' tarbija permezz ta' arranġament ma' omm surrogata.

[185] Is-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014 f'*FOA* (C-354/13, ECLI:EU:C:2014:2463);

[186] Is-sentenza tat-18 ta' Jannar 2018 f'*RuizConejero* (C-270/16, ECLI:EU:C:2018:17). Dan il-każ kien jikkonċerna leġiżlazzjoni nazzjonali (Spanjola) li ppermettiet, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet, it-tkeċċija ta' impjegat minħabba assenzi intermittenti mix-xogħol, jekk dawn l-assenzi, anke meta ġġustifikati, qabżu ċerti limiti stabbiliti fil-liġi.

[187] Is-Sentenza ta' *Ruiz Conejero* (in-nota 186 f'qiegħ il-paġna).

[188] Is-sentenza tal-11 ta' Settembru 2019 f'*DW* v*Nobel* (C-397/18, ECLI:EU:C:2019:703).

diżabilità, mhux biss meta mqabbel ma' ħaddiema li ma għandhomx diżabilità, iżda wkoll meta mqabbel ma' ħaddiema oħra li għandhom diżabilità[189].

4.5. Età

Il-maġġoranza tas-sentenzi tal-QĠUE dwar id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi jikkonċernaw differenzi ta' trattament relatati mal-età[190]. Għalkemm l-Istati Membri ttrasponew id-Direttiva kif suppost, tqajmu diversi kwistjonijiet ta' kompatibilità fir-rigward ta' liġijiet nazzjonali speċifiċi. Fil-valutazzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet, il-Qorti eżaminat b'mod partikolari:

- *il-komparabilità tas-sitwazzjonijiet*[191];
- l-eżistenza possibbli ta' *fattur oġġettiv u newtrali* li ma jkunx konness mal-età[192];
- il-*leġittimità tal-objettiv(i)* segwit(i)[193]; u
- l-*adegwatezza/il-proporzjonalità* tal-mezzi użati[194].

Filwaqt li ċċitat *id-dritt għax-xogħol* stabbilit fl-Artikolu 15(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, il-Qorti tat attenzjoni partikolari għall-parteċipazzjoni ta' ħaddiema akbar fl-età fil-forza tax-xogħol u b'hekk fil-ħajja ekonomika, kulturali u soċjali, u nnotat li ż-żamma tagħhom tippromwovi d-diversità [195]. Madankollu, irrikonoxxiet ukoll li l-Istati Membri jistgħu jsegwu politika soċjali jew ta' impjieg li għandha l-għan li tippromwovi l-aċċess tal-ħaddiema żgħażagħ għas-suq tax-xogħol. Huwa f'idejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li jsibu l-bilanċ ġust bejn l-interessi differenti involuti[196]. Fil-valutazzjoni tal-proporzjonalità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, il-Qorti aċċettat li jista' jittieħed inkunsiderazzjoni li l-esklużjoni mix-xogħol taffettwa lill-persuni rtirati, li l-ħajja professjonali tagħhom intemmet u li qed jirċievu pensjoni tal-irtirar. Hija ħalliet f'idejn il-qorti nazzjonali li ppreżentat il-kawża preliminari biex tivverifika jekk tali esklużjoni hijiex xierqa sabiex tiggarantixxi t-twettiq tal-objettiv imfittex u ġenwinament tirrifletti l-intenzjoni li dan jintlaħaq b'mod koerenti u sistematiku.

Diversi każijiet kienu jikkonċernaw diskriminazzjoni fl-età fir-rigward *tal-paga*. Xi liġijiet nazzjonali dwar is-salarji fis-settur pubbliku użaw l-età bħala indikatur għas-snin ta' servizz[197]. Oħrajn ma qisux il-perjodi ta' servizz qabel l-età ta' 18-il sena meta

---

189 Is-sentenza tas-26 ta' Jannar 2021 fi *Szpital Kliniczny* (C-16/19, ECLI:EU:C:2021:64).

190 Ara, f'dan ir-rigward Liu, K., u O'Cinneide, C., 'The ongoing evolution of the case-law of the Court of Justice of the European Union on Directives 2000/43 and 2000/78/EC (European Commission 2019)', paġni 60 ff.

191 Pereż. is-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2015 f'*O* (C-432/14, ECLI:EU:C:2015:643); is-sentenza tas-7 ta' Frar 2019 f'*Vindel* (C-49/18, ECLI:EU:C:2019:106).

192 Pereż. id-data tar-reklutaġġ; ara s-sentenza tal-14 ta' Frar 2019 f'*Horgan u Keegan* (C-154/18, ECLI:EU:C:2019:113).

193 Pereż. is-sentenza tad-19 ta' Lulju 2017 f'*Abercrombie* (C-143/16, ECLI:EU:C:2017:566).

194 Pereż. is-sentenza tat-2 ta' April 2020 f'*CO* (C-670/18, ECLI:EU:C:2020:272).

195 Is-sentenza tas-*CO* (in-nota 194 f'qiegħ il-paġna).

196 *Ibid.* Il-kawża kienet tikkonċerna leġiżlazzjoni nazzjonali li kienet tipprojbixxi, bħala regola ġenerali, lill-awtoritajiet amministrattivi pubbliċi milli jagħtu ċerti pożizzjonijiet lil persuni rtirati.

197 Pereż. is-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2014 fi *Specht* (il-Kawżi Magħquda minn C-501/12 sa C-506/12, C-540/12 u C-541/12, ECLI:EU:C:2014:2005).

jikkalkolaw is-salarji[198]. F'xi każijiet, l-emendi legali maħsuba biex jirrimedjaw is-sitwazzjoni effettivament ipperpetwaw id-diskriminazzjoni[199].

Il-Qorti ċċarat ukoll it-tifsira ta' "rekwiżiti professjonali essenzjali u determinanti" f'żewġ kawżi li jikkonċernaw l-etajiet massimi ta' reklutaġġ għall-forzi tal-pulizija, filwaqt li qieset in-natura speċifika tal-impjiegi inkwistjoni[200].

5. KONKLUŻJONIJIET U T-TRIQ 'IL QUDDIEM

Il-QĠUE żviluppat gwida utli dwar diversi dispożizzjonijiet, u b'hekk iċċarat xi kwistjonijiet ta' interpretazzjoni. Ittieħdu inizjattivi importanti kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE, biex id-dispożizzjonijiet dwar in-nondiskriminazzjoni jiġu applikati aħjar fil-prattika.

Dawn l-inizjattivi wasslu għal xi żviluppi pożittivi, fost l-oħrajn fir-rigward tal-ġbir tad-*data*. Fl-istess ħin, għad hemm tħassib kbir, bħall-biża' tal-vittmi mir-ritaljazzjoni, livelli baxxi u diverġenti ta' kumpens, nuqqas ta' evidenza, u għarfien minimu dwar id-drittijiet u l-mekkaniżmi ta' appoġġ (pereż. il-korpi tal-ugwaljanza). *Dawn l-isfidi kollha jikkontribwixxu għan-nuqqas ta' rapportar tad-diskriminazzjoni.*

L-azzjoni ta' segwitu biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati f'dan ir-rapport tista' tinkludi dawn li ġejjin:

- *monitoraġġ aktar mill-qrib* mill-Istati Membri tal-implimentazzjoni tad-Direttivi, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni kontra l-vittimizzazzjoni u l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi. Il-Kummissjoni se toffri appoġġ f'dan ir-rigward, pereż. billi tikkummissjona *studju dwar is-sanzjonijiet*;
- l-issoktar tal-isforzi fil-livell nazzjonali u tal-UE biex:
  - *joħolqu sensibilizzazzjoni* fost il-pubbliku inġenerali u fost dawk partikolarment f'riskju ta' diskriminazzjoni, b'mod partikolari dwar id-drittijiet tagħhom u l-mekkaniżmi ta' appoġġ eżistenti;
  - jingħata appoġġ għall-*proġetti*; il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi l-ugwaljanza u tappoġġa lill-vittmi permezz ta' mezzi ta' finanzjament tal-UE, inkluż permezz tal-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri ta' (CERV) u l-Programm dwar il-Ġustizzja; u
  - toffri *informazzjoni u taħriġ* regolari lil dawk li jfasslu l-politika, lill-imħallfin u lill-avukati dwar il-liġi dwar in-nondiskriminazzjoni, inklużi kwistjonijiet ewlenin bħad-diskriminazzjoni indiretta, il-fastidju, l-oneru tal-prova, is-sanzjonijiet u d-diskriminazzjoni algoritmika; u
- t-tħeġġeġ *il-ġbir tad-data* fil-livell nazzjonali, b'enfasi fuq l-istatistika, l-ilmenti, is-sentenzi, is-sanzjonijiet u d-diżaggregazzjonijiet skont il-fatturi ta' ugwaljanza (inklużi dawk meqjusa potenzjalment sensittivi, bħall-oriġini etnika jew razzjali).

[198] Pereż. is-sentenza tal-11 ta' Novembru 2014 fi *Schmitzer* (C-530/13, ECLI:EU:C:2014:2359).
[199] Pereż. is-sentenza tat-8 ta' Mejju 2019 f'*Leitner* (C-396/17, ECLI:EU:C:2019:375).
[200] Is-sentenza tat-13 ta' Novembru 2014 f'*Pérez* (C-416/13, ECLI:EU:C:2014:2371); is-sentenza tal-15 ta' Novembru 2016 f'*Sorondo* (C-258/15, ECLI:EU:C:2016:873).

Sabiex tiġi żgurata l-komparabilità tad-*data* matul iż-żmien u bejn ir-reġjuni/il-pajjiżi, jibqa' essenzjali approċċ ikkoordinat fil-livell tal-UE[201].

F'dawn l-isforzi kollha, *il-korpi tal-ugwaljanza* huma sħab ewlenin. It-tisħiħ ulterjuri tal-viżibbiltà tagħhom, tar-rwol tagħhom u tal-funzjonament effettiv u indipendenti tagħhom huwa kruċjali kif analizzat fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal mehmuż ma' dan ir-rapport. Il-qsim kontinwu tal-aħjar prattiki fil-livell tal-UE u s-sensibilizzazzjoni se jkunu ta' benefiċċju kbir ukoll, inkluż fil-qasam tal-prevenzjoni. Barra minn hekk, u kif diġà tħabbar[202], il-Kummissjoni se tivvaluta jekk tipproponix leġiżlazzjoni ġdida biex issaħħaħ ir-rwol tal-korpi nazzjonali tal-ugwaljanza sal-2022.

Il-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi t-trade unions, l-impjegaturi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom, u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, għandhom rwol x'jaqdu fl-isferi ta' kompetenza rispettivi tagħhom. Biex twettaq il-potenzjal sħiħ tad-Direttivi, il-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-Istati Membri, mal-korpi tal-ugwaljanza, mal-FRA, mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mas-sħab soċjali, sabiex tiżgura l-protezzjoni sistematika tal-vittmi tad-diskriminazzjoni.

Minn meta ġiet adottata d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali fid-29 ta' Ġunju 2000 iċ-ċirkostanzi nbidlu, inkluż minħabba l-avvanzi teknoloġiċi. Minkejja l-isfidi li jirriżultaw mis-sottorappurtar, l-esperjenzi ta' diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' oriġini razzjali jew etnika għadhom mifruxa fl-UE, u dawn jiġu minn firxa wiesgħa ta' raġunijiet, inklużi l-isterjotipi u l-preġudizzju. Tkun meħtieġa valutazzjoni ulterjuri biex tiġi ddeterminata r-relazzjoni bejn il-persistenza tad-diskriminazzjoni razzjali esperjenzata fl-UE u n-nuqqasijiet possibbli fl-infurzar tar-regoli tal-UE. Dan jippermetti wkoll li jiġu eżaminati l-lakuni possibbli fl-ambitu u fil-kopertura tal-leġiżlazzjoni. Il-koerenza bejn id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u strumenti rilevanti oħra tal-UE għandha tiġi analizzata wkoll. Għandha tinġabar *data* dwar l-oqsma fejn iseħħu inċidenti ta' diskriminazzjoni, inkluż fejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jistgħu jiddiskriminaw. Din il-valutazzjoni, li tkun teħtieġ li tinkludi konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, isservi biex tinkiseb *data* robusta u ta' kwalità tajba biex tipprovdi evidenza ta' diskriminazzjoni razzjali esperjenzata fil-post.

[201] Kif imħabbar fil-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu, il-Kummissjoni se torganizza diskussjoni madwar mejda dwar id-*data* dwar l-ugwaljanza li tlaqqa' flimkien il-partijiet ikkonċernati ewlenin.

[202] Fil-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu, il-Qafas Strateġiku l-ġdid tal-UE dwar ir-Rom għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni, u l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020–2025.